LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

# DAWL FRANĠISKAN



## IL-MILIED U PATRI PIJU TA' PIETRELCINA

**QED TĦALLI LIL ĠESÙ JITWIELED F'QALBEK? / IL-PRESEPJU TIEGĦI**

DIĊEMBRU 2013 - IT-33 SENA - GĦADD 335

NEWSPAPER POST - IISN 1811-5373

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN
DAWL FRANĠISKAN



Qoxra: "La Madonna che appare a S.Francesco" ta' Pietro Berretini - Mużew tal-Vatikan

*"Ifirħu f'Alla, għax il-Missier l-aktar qaddis tas-sema, Sultan tagħna, sa minn qabel iż-żminijiet (Sl 73,12a), bagħat mil-għoli 'l Ibnu l-maħbub: u twieled mil-Imqaddsa Xebba, il-Qaddisa Marija... Għaliex l-aktar qaddis, it-Tarbija maħbuba, ingħata lilna u għalina (ara Is 9,6) twieldet fit-triq u tqiegħdet fil-presepju; għax għaliha ma kienx hemm post fil-lukanda (ara Lq 2,7)."*

San Franġisk t'Assisi - Uffiċċju Tal-Passjoni tal-Mulej
Ħames Parti - Għasar tal-Milied - 198: 3.7

# WERREJ



8

3 IR-RIGAL JEW RIGALI
Editorjal

4 KOTBA MQADDSA
mill-kitba li ħallielna P. Donat Spiteri OFMCap

6 IŻ-ŻWIEĠ U L-FAMILJA FIL-PJAN TA' ALLA
minn Nikol Baldacchino

8 PASTORALI TAS-SAĦĦA
minn Patri Mario Attard OFMCap

10 MILL-ISKOLA TA' PATRI PIJU
minn Fr. Joe Buttiġieġ OFMCap

13 ĠIFRA - ŻGĦAŻAGĦ FRANĠISKAN
minn Kim Lombardi

14 VOLUNTARJAT
minn Br. Jethro Bajjada OFMCap

16 KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET
minn P. Silvestru Bonavia OFMCap

18 FRANĠISKANEŻMU
minn Patri Ivan Scicluna OFMCap

20 NOVELLA
minn Lina Brockdorff OFS

22 MILIED 2013
minn Judith Gatt OFS

24 AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA KAPUĊĊINA F'MALTA
minn Br. Bertrand Vella OFMCap

26 AĦBARIJIET MILL-MISSJONI
minn Fr. Philip Cutajar OFMCap, Segretarju Missjoni

28 POEŻIJA
minn Kav Joe M. Attard

29 WERREJ 2013



16



18



22



28

**Ħlas tal-Abbonament: €9.32 fis-sena.**

*Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, u għandha tintbagħat lid-Direttur:*
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211

BORD EDITORJALI

Editur
**FR. PHILIP CUTAJAR OFMCap**

Amministratur
**FR. CRISPIN TABONE OFMCap**

Distributuri
MALTA
**DORIAN HOLLAND OFS**
GĦAWDEX
**PIERRE E. BUTTIĠIEĠ OFS**

Membri
**JOE DEBATTISTA - GFF**
**GORDON SWAIN - ĠIFRA**

DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI

**KUNVENT TAL-KAPUĊĊINI, FLORIANA - FRN1211**
**TEL: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949**
**E-MAIL: cutajarphilip777@gmail.com**

ISSN 1811-5373

DISINN U LAYOUT
**ROBERT TABONE**
**MOB: 9947 3763**

MITBUGĦ
**PRINTIT**
**TEL: 2189 4446/7**

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*

**©Dawl Franġiskan 2013**
**Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**



# IR-RIGAL JEW RIGALI



MHUX L-EWWEL DARBA LI KONNA MISTIEDNA GĦAL XI FESTA TA' MAGĦMUDIJA LI XI KOPPJA MIŻŻEWĠA, KOLLHA FERĦANA KIENET QED TIĊĊELEBRA. U AĦNA LQAJNA L-ISTEDINA U MORNA. KIF WASALNA TAJNA ĦARSA LEJN IT-TARBIJA, GĦIDNA KEMM HI GUSTUŻA U FORSI ANKE PPRUVAJNA NXEBBHUHA MA' OMMHA JEW MA' MISSIERHA, KIF INĦOBBU NAGĦMLU AĦNA L-MALTIN.

Wara dan, morna inpoġġu r-rigal tagħna fuq mejda kbira ppreparata għal tal-apposta. U forsi wkoll aktar qgħadna nħarsu u nammiraw ir-rigali milli qgħadna nħarsu lejn it-tarbija... u forsi wkoll nissindikaw x'tat dik u x'ta l-ieħor. Il-festa baqgħet għaddejja bl-ikel u x-xorb kulħadd mehdi jitkellem wieħed mal-ieħor u t-tarbija hemm, imwarrba f'xi kamra fis-skiet ħalli torqod. Il-festa tagħha imma ħadd ma jagħti kas tagħha.

Tgħid hekk qed jiġri...jew hekk ser jiġrilna matul il-festi sbieħ tal-Milied? Festi li ngħadduhom f'kull tip ta' divertiment, *cards* u siġar tal-Milied, ikel u xorb, stediniet u rigali.

Festi fejn nikkonċentraw aktar fuq ir-rigali li nħossuna obbligati nagħtu lil xulxin MILLI FUQ IL-VERU RIGAL LI ALLA L-MISSIER TANA FI KRISTU ĠESÙ? Tgħid b'dan il-mod qed nirrendu l-Milied – festa bħal kull festa oħra li niċċelebraw matul is-sena... jew xi ħaġa agħar, festa pagana, kummerċjali, divertiment.



## X'IRRIDU NAGĦMLU BIEX IL-MILIED IKUN TASSEW ĊELEBRAZZJONI NISRANIJA?

- Ipprepara lilek innifsek spiritwalment. QRARA TAJBA hija wieħed mill-aħjar mezzi ta' preparazzjoni.
- Dak kollu li tagħmel f'dan iż-żmien: tibgħat l-awguri, iżżejjen id-dar, tipprepara ikla speċjali, tqassam xi rigali, stedin, AGĦMLU BL-IMĦABBA u mhux bil-fanfarunati.
- Agħmel kull sforz biex IL-QUDDIESA TA' NOFS IL-LEJL issib post fil-programm tiegħek u tal-familja tiegħek jew tal-ħbieb li magħhom ser tgħaddi dan il-Milied. Jekk le hu ħsieb li ssib ħin ieħor għall-quddies u t-tqarbin.
- Fittex li tkun tassew FESTA TAL-FAMILJA, mal-familja u fil-familja.
- Jekk f'qalbek għad hemm xi nitfa ta' mibegħda lejn xi ħadd, qaċċat kollox u AĦFER.
- Aħseb fuq IL-KOBOR TAL-MISTERU, meta Alla sar Bniedem għalik... għax iħobbok... biex isalvak.

**F'ISEM L-AĦWA KOLLHA KAPUĊĊINI U F'ISEM IL-BORD TAD-"DAWL FRANĠISKAN" NIXTIQULEK MILIED TASSEW NISRANI U SENA MIMLIJA PAĊI U ĠID!** ■



## TIFSIR TAL-PARABBOLI

# IŻ-ŻERRIEGĦA TAL-MUSTARDA



### SAN MARK 4, 30-32

"U qal: 'Ma' xiex sejrin inqabbluha s-Saltna ta' Alla, jew b'liema parabbola nfissruha? Qisha żerriegħa tal-mustarda; din, meta tinżera' fil-ħamrija, hi l-iċken fost iż-żrieragħ kollha tal-art; imma wara li tinżera' tikber u ssir l-akbar waħda fost il-ħxejjex kollha, u toħroġ friegħi wesgħin, hekk li l-għasafar tal-ajru jkunu jistgħu jistkennu għad-dell tagħha"



### SAN MATTEW 13, 31-32

"Ġibilhom parabbola oħra u qalilhom: 'Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil żerriegħa tal-mustarda li wieħed raġel ikun qabad u żeragħha fil-għalqa tiegħu. Hija tabilħaqq l-iżgħar waħda fost iż-żrieragħ kollha, iżda, meta tikber, tkun l-akbar waħda fost il-ħxejjex u ssir siġra, hekk li l-għasafar tal-ajru jiġu jbejtu fil-frieghi tagħha."



### SAN LUQA 13, 18-19

"Mela qal: 'Lil xiex tixbah is-Saltna ta' Alla, u ma' xiex se nxebbhuha? Tixbah lil żerriegħa tal-mustarda li wieħed raġel qabad u żerragħha fil-ġnien tiegħu, u mbagħad kibret u saret siġra, u l-għasafar tal-ajru marru jbejtu fil-frieghi tagħha."





Is-Saltna ta' Alla hi mxebbha ma' żerriegħa ċkejkna li meta tinbet issir siġra kbira. Din hi parabbola dwar il-bidu u l-iżvilupp tas-Saltna. Għandha bidu kwiet u umli, imma ta' qawwa u saħħa kbira.

*"U s-sens ġenerali hu dan: is-Saltna ta' Alla fuq l-art, imwaqqfa minn Ġesù Kristu, minn bidu ċkejken u umli, kif setgħet dehret għal għajnejn il-bnedmin, bil-qawwa ta' Alla kibret u xterdet hekk li setgħet tilqa' fi ħdanha l-popli kollha tal-art."*

Il-Lhud kienu qegħdin jistennew bil-ħerqa s-Saltna ta' Alla; u kienu jistennewha tidħer b'ħoss u qawwa kbira. U s-Saltna ta' Alla kienet waslet, kienet hemm fosthom (Mk 1,15; Lq 17,21). Kienet waslet fosthom bil-miġja ta' Ġesù ta' Nażaret. U huma ma ntebħux għax ġiet fosthom bil-kwiet u bil-moħbi, bħal żerriegħa ċkejkna tal-mustarda li ħadd ma jagħti kasha.

Iż-żerriegħa tal-mustarda (Sinapi jew Brassica nigra), skont il-botaniċi, mhijiex ***"l-iċken fost iż-żrieragħ kollha"***, iżda fil-għajn hi ċkejkna ħafna wkoll. Ġesù ma riedx jgħallem il-botanika, iżda bl-eżempju ta' żerriegħa ċkejkna ried ifisser il-bidu umli tas-Saltna ta' Alla.

Lanqas hu minnu li din iż-żerriegħa, meta tikber, ***"issir l-akbar waħda fost il-ħxejjex kollha."*** Jgħidulna li qrib il-Baħar tal-Galilija s-siġra tagħha togħla sa tliet metri jew żewġ metri u nofs. Hi biżżejjed biex l-għasafar ċkejknin isibu l-kenn taħt il-friegħi tagħha u jersqu jnaqqru ż-żerriegħa tagħha. Ġesù ried jgħallem lin-nies bil-mod sempliċi u popolari kif kienu jitkellmu u jifhmu huma (ara Mt 17,20).

Mattew u Luqa jkabbru iżjed is-sens iperboliku tal-parabbola meta jgħidu li ***"l-għasafar tal-ajru jiġu jbejtu fil-friegħi tagħha."*** Is-siġra tal-mustarda mhijiex daqshekk kbira biex l-għasafar jibnu fiha fiż-żgur il-bejtiet tagħhom. Imma b'din in-nota komplew ħarġu b'mod aqwa s-sens tal-parabbola.

U s-sens ġenerali hu dan: is-Saltna ta' Alla fuq l-art, imwaqqfa minn Ġesù Kristu, minn bidu ċkejken u umli, kif setgħet dehret għal għajnejn il-bnedmin, bil-qawwa ta' Alla kibret u xterdet hekk li setgħet tilqa' fi ħdanha l-popli kollha tal-art. Dan kien diġà seħħ tassew meta nkitbu l-Evanġelji (Rum 1,8). L-awturi tagħhom niżżlu din il-parabbola ta' Ġesù fihom fid-dawl tal-fatt li kellhom taħt għajnejhom, li ż-żerriegħa ċkejkna miżrugħa minn Ġesù fil-Palestina kienet saret siġra kbira bil-friegħi mifruxa mal-artijiet kollha u bil-bnedmin minn kull ġens miġburin għall-kenn tagħha. ■



# IŻ-ŻWIEĠ IFISSER LI TĦALLI U TINGĦAQAD



FL-AĦĦAR ARTIKLU RAJNA KIF ALLA RIED LI R-RAĠEL U L-MARA JKUNU TA' XULXIN U GĦAL XULXIN. SA MILL-BIDU L-PJAN TIEGĦU KIEN LI JKUNU QALB WAĦDA, MOĦĦ U GISEM WIEĦED. DAN IL-PJAN JIDHER FTIT AKTAR ĊAR FID-DIKJARAZZJONI LI ALLA GĦAMEL FUQ IŻ-ŻWIEĠ:

**"GĦALHEKK IR-RAĠEL IĦALLI LIL MISSIERU U LIL OMMU U JINGĦAQAD MA' MARTU U JSIRU ĠISEM WIEĦED" (ĠEN 2, 25).**

Din hija stqarrija sempliċi ħafna, imma fl-istess ħin hija stqarrija profonda immens. Nistgħu nħarsu lejha bħala bir fond mimli b'ilma frisk u ċar, li tista' tixrob minnu għal tul ħajtek kollha bla ma dan il-bir jitbattal. Hija bħal pittura ħierġa minn idejn ta' pittur famuż li aktar ma tħares lejha dejjem aktar se tiskopri dettalji sbieħ u li jqanqluk.

Jekk nisimgħu sewwa din l-istqarrija b'qalb doċli u miftuħa, niskopru kif Alla nnifsu għadu jkellimna llum stess, donnu bħall-ewwel darba li lissen dan il-kliem. Hu jitkellem bħala persuna li trid tgħinna, li trid tiggwidana u fl-istess ħin tisfidana. Imma fuq kollox, ikellimna bħala wieħed li jrid joffrilna xi ħaġa tajba, xierqa, u sewwa.

Il-Bibbja ma tantx titkellem dwar iż-żwieġ. Imma din l-istqarrija nsibuha ripetuta erba' darbiet. U għalhekk, dan il-fatt jagħmilha rilevanti ħafna.

L-ewwel darba nsibuha tidher bħala l-konklużjoni tar-rakkont tal-ħolqien fit-Tieni Kapitlu tal-Ġenesi. Imbagħad Ġesù jikkwotaha fl-Evanġelju ta' San Mattew (kap. 19:5) u f'ta' San Mark (kap. 10:7), wara li kien mistoqsi dwar id-divorzju. Fl-aħħar, l-Appostlu Pawlu jirrelataha ma' Ġesù fl-Ittra tiegħu lill-Efesin (kap. 5:31).

Din l-istqarrija nkitbet biex turina l-pjan ta' Alla għaż-żwieġ. Fiha nsibu tliet affarijiet essenjzali għaż-żwieġ: li tħalli, li tingħaqad, li jsiru ġisem wieħed.

## "TĦALLI"

***"Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu."*** Fiż-żwieġ hemm involuti mhux biss żewġ persuni, jiġifieri l-għarusa u l-għarus, li se jiżżewġu u jibnu familja ġdida flimkien. Iż-żwieġ mhux xi ħaġa privata li tnejn min-nies sempliċiment jiddeċiedu li jagħmlu bejniethom. M'hemmx żwieġ mingħajr it-tieġ. Għalhekk, kull kultura, f'kull

soċjetà tagħti importanza kbira lit-tieġ, li jkun iċċelebrat b'ċerimonja formali, pubblika u mhux privata.

Li "tħalli" tfisser li "tinfired". Il-firda hija l-prezz li l-miżżewġin ġodda jkollhom iħallsu biex jingħaqdu flimkien u jiskopru l-kuntentizza li jibnu ħajja ġdida flimkien. Bħalma tarbija ma tistax tikber u tiżviluppa dment li l-kurdun li jwaħħadha ma' ommha ma jkunx inqata', hekk iż-żwieġ ma jistax jikber jekk ir-raġel u l-mara ma jinfirdux mill-familji tagħhom, biex issa jibnu familja ġdida.

Ħafna drabi, din il-firda mhijiex waħda faċli kemm għall-ulied li jħallu l-ġenituri tagħhom, kif ukoll (jekk mhux forsi aktar) għall-ġenituri li jaraw lil uliedhom jinħallu minnhom. Madankollu din il-firda bl-ebda mod ma tfisser abbandun tal-ġenituri tagħhom, tal-passat tagħhom, tal-formazzjoni li huma rċevew, ta' dak kollu li xorbu minnhom.

Tfisser li l-imħabba bejn il-ġenituri u l-ulied issa se tinbidel u tittrasforma ruħha, se tieħu nifs ġdid biex tkun tista' tikber fuq livell ogħla u differenti. Ifisser li l-familja estiża se tiffunzjona u timmatura dejjem jekk il-familja bażi hija intatta, indipendenti u b'saħħitha.

Kemm isiru żbalji mill-koppji l-ġodda u mill-ġenituri u l-kunjati tagħhom meta din il-"firda" ma sseħħx – meta t-tfal miżżewġin jibqgħu b'xi mod dipendenti, b'mod partikolari psikoloġikament, fuq il-ġenituri tagħhom, jew meta l-ġenituri jindaħlu jekk mhux jikkundizzjunaw lil uliedhom miżżewġin! Biżżejjed ngħidu li l-indħil tal-ġenituri u l-kunjati hija kawża prinċipali ta' ħafna tifrik fiż-żwieġ.

## "LI THALLI"

"Li tħalli" u li "tingħaqad" imorru flimkien. Ma tistax tkun magħqud jekk ma tkunx "ħallejt". U ma tistax tkun ħallejt jekk ma tkunx iddeċidejt li tingħaqad.

## "TINGHAQAD"

Li tingħaqad ifisser li "teħel" ma' persuna oħra. Ir-raġel u l-mara, biex inġibu eżempju, huma mwaħħlin ma' xulxin bħal biċċtejn karti. Jekk tipprova tisseparа karta minn oħra meta dawn ġew



inkollati flimkien, allura l-periklu kbir huwa li tqattagħhom it-tnejn! Jekk tipprova tifred ir-raġel minn mal-mara, jew viċi-versa, it-tnejn se jweġġgħu. U f'dawk il-każijiet fejn hemm it-tfal, dawn iweġġgħu wkoll, ħafna drabi b'mod mill-aktar sever mill-istess ġenituri. Dak li jfisser id-divorzju: li tieħu f'idejk serrieq, u taqsam min-nofs lir-raġel u lill-mara u lit-tfal!

L-għaqda tfisser ukoll li r-raġel u l-mara huma l-aktar żewġ persuni qrib ta' xulxin, ħafna eqreb minn kull persuna jew ħaġa oħra fid-dinja. L-għaqda fiż-żwieġ hija ħafna aktar important mix-xogħol, il-professjoni, id-dar, il-faċendi, il-ħbieb, aktar important mill-istess tfal. Ikun gwaj kbir għall-familja meta t-tfal isiru ċ-ċentru tal-omm jew tal-missier, b'konsegwenza li tixxellef l-għaqda bejn ir-raġel u l-mara. Inħobbuhom kemm inħobbuhom, l-ulied qatt m'għandhom jiġu qabel ir-raġel jew il-mara.

Li tingħaqad ma' martek jew żewġek tfisser li tħobb, imma b'imħabba speċjali, imħabba unika u singulari; imħabba li laħqet il-maturità tagħha; imħabba mibnija fuq deċiżjoni li int, jiġri x'jiġri, se tibqa' fidil għal għomrok kollu lejn il-persuna l-oħra, li taqsam il-ħajja kollha tiegħek mal-persuna l-oħra, li tagħti kollox, saħansitra ħajtek stess għall-persuna l-oħra. L-imħabba vera hija s-sinjal tal-għaqda, u l-għaqda mhijiex possibbli mingħajr din l-imħabba.

Fil-ħarġa li jmiss se naraw it-tielet u l-aħħar parti tal-pjan ta' Alla għaż-żwieġ, dik li "nsiru ġisem wieħed" u kif din twassalna biex aħna nistgħu niskopru lil Alla permezz tal-familja. ■



# "KONT MARID U ĠEJTU TIKKURAWNI" – MT. 25, 36

# FATHER! CPR!



ĠIELI NKUN MIXĦUT GĦALL-KWIET F'KAMARTI FL-ISPTAR NIRRIFLETTI FUQ XI ĦAĠA LI TKUN LAQTITNI. TISTA' ANKI TKUN XI SILTA MINN KTIEB SABIĦ LI NKUN QED NAQRA. ĠIELI TINGĦATALI L-GRAZZJA NDUQ IL-BENNA TAL-PREŻENZA TA' ALLA FIT-TALB WIĊĊ IMB WIĊĊ MIEGĦU. DRABI OĦRA NKUN QIEGĦED NITĦADDET MA' XI PAZJENT LI FL-AĦĦAR, WARA ĦAFNA TBATIJA, IKUN GĦAMEL IL-PASS AĦĦARI TA' ĦAJTU GĦALIEX FETTILLU JIFTAĦ QALBU BERAĦ GĦALL-MULEJ U JITKELLEM. INKELLA INKUN QIEGĦED NITLOB IL-KURUNELLA TAL-ĦNIENA DIVINA ĦDEJN XI ĦADD LI JKUN WASAL F'XIFER IL-ĦAJJA. INSOMMA, IKUN XI JKUN IL-KAŻ, ID-DAQQA MODERNA TAL-MOWBAJL ISSEJJAĦLI B'INSISTENZA LIEMA BĦALHA GĦAX TIDĦOL B'QAWWIETHA KOLLHA. U DAQSKEMM HI PENETRANTI XI DRABI TAĦSADNI! BIEX MA NGĦIDX TQABBIŻNI XI TNEJN UKOLL!



Tista' tgħid li fi stejjer bħal dawn il-mowbajl jerġa' jdoqq għal darb' oħra. U dak l-imbierek ta' numru arah jerġa' jixref rasu mill-ġdid! Issa żgur li jkolli nieqaf ħesrem minn dak li nkun qiegħed nagħmel. Il-bżonn ikun qiegħed isejjaħ b'urġenza liema bħalha. ***"Skużani ħija. Skużani oħti. Nerġa' niġi aktar tard. Hawn xi ħadd qiegħed jilgħabha mal-ħajja"***.

U rari ifallili. Għalhekk jekk f'dak il-ħin inkun bil-ktieb f'idejja ma jkollix għażla oħra għajr li nitfgħu bla kont fuq is-sodda ħalli meta jasal ħinu nerġa' nsibu jistennieni bħal kelb fidil. Insomma... Il-ħajja fl-Istpar hija miżgħuda interruzzjonijiet!

U hekk kif niddalja n-numru tas-sala u nistaqsi l-famuża mistoqsija ***"Il-Father. X'għandkom bżonn?"*** malajr l-infermier jew l-infermiera jweġbuni, x'aktarx b'nifishom maqtugħ: ***"Father! CPR!"*** Illum nifhem l-għaliex nifishom ikun se jinqatgħalhom. Il-ħasda joħduha għax dawk ikunu fil-viċin. Kemm-il darba kellna pazjenti li kienu tajbin f'saħħithom u kellhom seba' mitt sena biex ibewġu 'l barra mill-Isptar. Darba minnhom kellna wieħed saħansitra li kellu diġà l-basket lest biex jitlaq lejn id-dar. Kulma kien jonqsu kien li jiġi t-tabib u jimlielu l-karta! Imbagħad tiġi Ċensa, għaliex hekk insejħulha fl-Isptar lil oħtna l-mewt tal-ġisem li minnha ħadd ma jista' jaħrab, u taħsdilna fjura bil-minġel kiefer tagħha.

*"Imbagħad tiġi Ċensa, għaliex hekk insejħulha fl-Isptar lil oħtna l-mewt tal-ġisem li minnha ħadd ma jista' jaħrab, u taħsdilna fjura bil-minġel kiefer tagħha."*

Kif nirċievi s-sinjal tas-CPR nerħilha b'pass mgħaġġel lejn is-sala li tkun. Ġieli t-triq tkun ħielsa mit-traffiku. L-aktar billejl. Għall-erwieħ! Inkun nista' ngħaġġel kemm niflaħ biex nasal fil-ħin sabiex ir-ruħ tkun imħejjija bis-sagramenti mqaddsa. Drabi oħra iżda jkolli nkun iebes man-nies. Speċjalment jekk fil-kuritur insib xi ġgajta qraba ta' xi pazjent joħduha bil-lajma. ***"Sinjuri agħmluli l-wisa' ħa ngħaddi! Hawn persuna qiegħda tmut!"*** U n-nies arahom jinħasdu u jinferqu bla kliemu u bla sliem. U meta l-wisa' jinħoloq araha iva l-ambulanza tad-demm u l-laħam imlewna bil-kulur kannella qastni u bil-faxx irqiq abjad li jlaħħqilha sa riġlejha tlebbet kemm tiflaħ biex tagħmel xogħolha. Kemm-il darba tbissimt u tgħaxxaqt bil-Mulej għall-qlubija kbira li biha jżejjinni f'dawn is-sitwazzjonijiet imwiegħra!



U hekk kif nasal fis-sala mill-ewwel nistaqsi fejn hu l-pazjent. Ġieli fid-desk tal-infermieri ma jkunx hemmx ruħ li tista' tweġibni. Ovvja! Jekk ilkoll ikunu mdawrin mas-sodda tal-persuna li qalbha tkun w[illegible]lha! ***"Għandha Griżma?"*** nistaqsihom. Ġieli jkollha. Għalhekk il-ħasda tittaffieli. Iżda kien hemm drabi fejn il-persuna ma tkunx irċeviet din il-grazzja kbira tad-dilka mqaddsa taż-żejt. Mela Patri oħroġ isa dak il-bott taż-żejt mill-but u idlikha mill-aktar fis qabel ikun tard wisq!

Meta l-*call* tkun fir-*Resuscitation Unit* tal-Isptar idi l-leminija mill-ewwel tmur għall-bott taż-żejt imbierek. X'ħin nidħol biswit il-pazzjent dejjem insib xi storja differenti tistennieni. Daqqa l-pazjent ikun waħdu. Għalhekk dan ifisser li niftaħ bil-ġiri l-bott taż-żejt u waqt li nidlek lill-persuna nibda nitlob. Drabi oħra ikun hemm il-qraba tal-pazjent li jew ikunu mħakknin mas-sodda tal-pazjent bil-għan li jkomplu jissapportjawh sal-aħħar, inkella, jekk is-sitwazzjoni tkun serja ħafna, tant li l-qraba ma jkunux jifilħu għaliha, dlonk jirtiraw fil-*waiting room*. Ġieli wkoll ikun l-istess staff mediku li jissuġġerilhom biex imorru fiha. Għax qalb ma tara qalb ma tuġa'.

U l-Patri daqqa jagħti s-srievet tal-karti lil dak u daqqa lil dik. Jisma'. Jagħder. Jitlob. Mal-pazjent li jissielet għal ħajtu fl-agunija. U mal-qraba biex it-tama tal-Mulej tikkalmahom u ssabbarhom. Imma l-preżenza tiegħu hija meħtieġa. Ma titfissirx bil-kliem. Għaliex minnha nnifisha tiftaħ beraħ il-bieb li minnu jidħol id-dawl tal-ħajja ta' dejjem fuq dawk preżenti.





# IL-MILIED U PATRI PIJU TA' PIETRELCINA



HEKK KIF IKUN RIESAQ IL-MILIED, PATRI PIJU KIEN JITQANQAL B'FERĦ KBIR. FIS-17 TA' DIĊEMBRU, 1914, JIKTEB LIL RAFFAELINA CERASE, WAĦDA MILL-ULIED SPIRITWALI TIEGĦU, U JGĦIDILHA HEKK: **"KIF TIBDA IN-NOVENA TA' ĠESÙ BAMBIN, INĦOSS BĦALLIKIEKU L-ISPIRTU TIEGĦI JITWIELED GĦAL ĦAJJA ĠDIDA; INĦOSS LI QALBI HIJA ŻGĦIRA WISQ BIEX TĦADDAN FIHA IL-ĠID TAS-SEMA; INĦOSS LI RUĦI DDUB FIL-PREŻENZA TA' DAN ALLA LI GĦALINA SAR LAĦAM. KIF TISTA' TIBQA' LURA MILLI TĦOBBU DEJJEM..."**.

Imbagħad, dawk kollha li kienu jafu mill-qrib lil Patri Piju, kollha jgħidulek li l-Milied kien l-imħabba vera tiegħu, u għalhekk kien l-aktar festa liturġika li kienet għal qalbu. Hu kien jipprepara ruħu bl-akbar reqqa u kien jiċċelebrah b'entużjażmu li kien isaħħrek.

Mhux biss kien jaqbad hu bl-imħabba lejn dak li kienet tfisser il-festa tal-Milied, imma kien ifittex iqabbad fl-oħrajn dan l-istess nar ta' mħabba.

Dan naqrawh fl-ittra li kiteb lill-ġenituri tiegħu u li hija indirizzata lil ommu, lil Maria Gargani, bint spiritwali tiegħu, u lil Patri Wistin minn San Marco in Lamis nhar id-29 ta' Diċembru, 1912. Jgħidlu hekk: ***"Dawn il-jiem (li) huma hekk solenni għalija għax huma l-festi tat-Tarbija tas-Sema. J'Alla l-Bambin jagħtik li tħoss f'qalbek dawk l-emozzjoniiet li jagħtini li nħoss jien fil-lejl imbierek li fih jiġi mqiegħed ġewwa maxtura".***

Barra minn dak li kiteb huwa stess, għandna x-xhieda ta' oħrajn, bħalma hu dak li ħalla miktub Patri Ignazio de Ielsi, li kien il-Patri Gwardjan tal-kunvent ta' San Giovanni Rotondo bejn is-snin 1922-25, meta allura Patri Piju kien għadu żgħir fl-età, sentejn biss wara li rċieva l-pjagi, kiteb hekk fil-ktieb tal-Kronaka tal-kunvent: ***"Huwa meħtieġ li ngħid b'liema passjoni Padre Pio jiċċelebra l-Milied. Huwa jaħseb dwaru l-ħin kollu. Huwa jgħodd il-ġranet minn Milied għal ieħor. Għandu ġibda speċjali lejn Ġesù tarbija. Huwa biżżejjed għalih li jisma' għanja tal-Milied biex l-ispirtu tiegħu jintrefa' 'il fuq. Meta tħares lejh taħseb li jkun qiegħed f'estasi".***

Ix-xbieha ta' Ġesù tarbija kienet tqanqal ġewwa fih sentimenti li kien ifissirhom biss bid-dmugħ, għax f'din il-ġrajja kien jilmaħ l-imħabba bla qies t'Alla lejn il-bnedmin.

## IL-PRESEPJU

Sa minn meta kien għadu daqsxejn ta' tfajjel fi Pietrelcina, Francesco Forgione kien jibda mix-xahar t'Ottubru jaħseb għall-Presepju.

It-tfajjel Franci kien jixtieq li x-xena tal-Presepju tkun sabiħa kemm jista' jkun. Għalhekk kien idawwal il-Presepju biex kulmin iħares lejh jitqanqal. Issa f'dak iż-żmien fi Pietrelcina, ma kienx hemm dawl elettriku. In-nies kienet tixgħel lampi biż-żejt biex iddawwal id-dar. Issa, minħabba li għall-Presepju kien hemm bżonn li d-dwal ikunu żgħar biex setgħu jitqiegħdu fuq il-ħaxix, Francesco u sħabu kienu tgħallmu kif joħolqu dwal mill-qxur tal-bebbux. Kienu jfittxu qxur vojta fl-għelieqi, inaddfuhom sewwa, jimlewhom biż-żejt u jpoġġu ftejjel ġo fihom. Kienu jdawlu qishom imsiebaħ żgħar.

Imbagħad meta daħal mal-Patrijiet Minuri Kapuċċini, ħutu l-Patrijiet jgħidu li Padre Pio kien ta' kull sena jitlob lill-Patri Gwardjan biex jekk jista' jkun il-Presepju jkun imħejji faċċata tal-konfessjunarju tiegħu biex, waqt li jkun iqarar, hekk kif ikun jista', jisraq xi ħarsa lejn il-figura ta' Ġesù Bambin.

## LEJLET IL-MILIED

Bil-Presepju mħejji, bin-Novena tal-Milied li twassal sa lejlet il-Milied, il-Patri ta' San Giovanni Rotondo, kien ikun jistenna biex jilqa' bi tbissima ta' ferħ lil dawk li fil-lejl tal-Milied jaslu fuq il-Gargano biex jiċċelebraw il-ġrajja tal-Milied miegħu permezz tal-Ewkaristija Mqaddsa.

Lejlet il-Milied ġieli seħħew ġrajjiet li tagħhom għandna x-xhieda.

Lucia Iadanza, bint spiritwali ta' Patri Piju, tirrakkonta dak li ġara lejlet il-Milied tas-sena 1922.

Din Lucia tirrakkonta li bħalma soltu kien isir, il-Patrijiet kienu jkebbsu n-nar ġo kenur kbir fis-sagrestija biex sakemm isir il-ħin għall-Quddiesa, dawk preżenti jissaħnu madwaru.

F'dak il-lejl qaddis, dawk preżenti kienu qegħdin jitolbu r-Rużarju flimkien ma' Patri Piju. F'daqqa waħda, imdawwar b'dija qawwija, rat lil Ġesù Bambin jitfaċċa f'dirgħajn Patri Piju. Hu deher jinbidel, għajnejh iħarsu ċass lejn it-Tarbija tiddi f'dirgħajh u b'wiċċ mibdul fi tbissima ħelwa li tgħaġġeb.

Meta l-viżjoni għebet, huwa induna, mill-ħarsa t'għajnejn Lucia, li din kienet rat kollox. Resaq lejha u b'leħen sod ta' wieħed li ma ħax pjaċir li xi ħadd ra xi ġralu, ordnalha biex ma tgħid xejn lil ħadd dwar dak li ġara.

Patri Rafel minn Sant'Elia da Pianisi hu xhud ieħor ta' ġrajja li tixxiebah ħafna ma' dik imsemmija. Dan il-Patri kellu l-kamra tiegħu bieb ma' bieb ma' dik ta' Patri Piju.

Hu jirrakkonta li kien lejlet il-Milied tas-sena 1924 meta qam u ħareġ mill-kamra biex jinżel fil-knisja ħalli jmur jikkonċelebra fil-Quddiesa ta' nofs il-lejl. Il-kuritur kien fi dlam ċappa maqtugħ bi ftit dawl inemnem ġej mill-fjamma ta' lampa żgħira taż-żejt li bdiet taħlaq dellijiet mal-ħajt. Huwa lemaħ lil Padre Pio miexi tul il-kurutur lejn il-knisja. Il-bniedem t'Alla kellu madwaru dawl qawwi, u f'dirgħajh kellu lil Ġesù Tarbija.

Patri Rafel baqa' bla kliem, issummat. Waqaf ħesrem fuq il-għatba tal-bieb tal-kamra tiegħu, niżel għarkupptejh, iċċassat, ma jridx jemmen lil għajnejh, waqaf fuq l-għatba tal-kamra tiegħu u niżel ħelu ħelu għarkupptejh. Sadanittant, Padre Pio għadda minn quddiemu kollu dija li tagħmik, bħallikieku ma kien hemm ħadd jarah.

## IL-QUDDIESA TA' NOFSILLEJL

Id-dritt li jippresiedi l-Quddiesa solenni tal-Lejl tal-Milied, fil-Fraternità Franġiskana Kapuċċina, huwa wieħed tal-Patri Gwardjan. Madankollu, il-Gwardjani tal-Kunvent ta' San Giovanni Rotondo, dejjem ċedew dan id-dritt tagħhom lil Patri Piju minħabba l-għożża kbira li dan kellu għal din il-'Festa tal-Festi'.

In-nies kienet tmur bi ħġarha u timla sa ruħ ommha l-knisja tal-kunvent mingħajr ma kienet tqis id-diffikultajiet kollha, bħalma kienet it-trejqa jew aħjar mogħdija sserrep fil-muntanji tal-Gargano, tajba biss għall-karrettuni tar-raħħala u l-bdiewa tal-post. Il-ksieħ ixoqq il-għadam, il-borra u s-silġ ma kenux jaqgħtu qalb in-nies li kienet taħseb kmieni biex tkun hemm ħafna qabel il-ħin biex tkun żgur minn post tajjeb għal waqt il-Quddiesa ta' Patri Piju.

Ħafna kienu jkunu dawk li jkunu għamlu kilometri twal kemm mill-Italja, pajjiżi ewropej oħra, u saħansitra minn madwar id-dinja.

Il-Quddiesa ma kenitx tkun waħda ta' malajr. Taħt in-navata li hemm fuq il-lemin kif tidħol fil-knisja, Mary Pyle, imlaqqma l-Amerikana, kienet tkun hienja ddoqq l-orgni żgħir biex tgħin fl-animazzjoni



flimkien mal-kant li tant kien ikompli jqanqal lil Patri Piju.

Imlibbes solenni, b'wiċċu jrid itir bil-ferħ, f'dirgħajh ix-xbieha tal-Bambin jistrieħ fuq imħadda, Patri Piju kien jersaq bil-pass tiegħu lejn l-altar, iqiegħed il-Bambin fuq it-tabernaklu, u jinċensah fit-tul għall-kant tal-kor.

Imbagħad tibda l-Quddiesa solenni. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li dak iż-żmien, is-saċerdoti kienu jridu jqaddsu tliet quddisiet.

L-ewwel quddies ta' Patri Piju kienet iddum madwar siegħa u nofs, li bħal dejjem kienet tkun b'waqtiet ta' skiet profond u umli, biki, demm inixxi minn idejh waqt il-ħin tal-konsagrazzjoni.

Wara t-tieni quddiesa kien juri sinjal ta' għeja kbira hekk li kienu jġibulu siġġu biex jistrieħ ftit, ħalli jkun jista' jqaddes it-tielet quddiesa. Għejjien kemm kien ikun għejjien, xorta waħda kien iqaddes bl-istess imħabba, ġabra, u devozzjoni bħall-ewwel waħda.

Nilqgħu l-istedina li jagħmlilna dan il-Missier Spiritwali meta jistedinna: ***"Oqgħod qrib il-maxtura ta' Ġesù Bambin, speċjalment matul il-ġranet qaddisa tal-Milied. Jekk tħobb il-lussu u l-għana, hemmhekk issib id-deheb illi s-slaten Maġi ħallew warajhom; jekk tħobb id-duħħan tal-unuri, hemmhekk issib id-duħħan tal-inċens; jekk tħobb il-pjaċiri tas-sensi, hemmhekk ixxomm il-fwieħa tal-mirra li tfewwaħ il-grotta kollha".***



# QED TĦALLI LIL ĠESÙ JITWIELED F'QALBEK?



ERĠAJNA WASALNA FI ŻMIEN IL-MILIED, ŻMIEN LI ĦAFNA DRABI JĠIB IL-FERĦ U L-GĦAQDA. BĦALISSA KULĦADD IŻEJJEN ID-DAR BIS-SIĠRA TAL-MILIED, IL-PRESEPJU, IL-BAMBIN, DAWL U KULL ĦAĠA BIEX NARAW ID-DAR IMŻEJNA SABIĦ. APPARTI MINN HEKK KULĦADD JIBGĦAT IL-KARTOLINI, NAGĦTU R-RIGALI LIL XULXIN, NAGĦMLU L-IKLIET MAL-FAMILJA U L-ĦBIEB. PERÒ WARA LI JGĦADDI L-MILIED, TIBQA' FINA L-HENA U L-PAĊI?

F'dan iż-żmien kulħadd jingħaqad, anke ma' dawk il-qraba li joqogħdu 'l bogħod minna. Kulħadd iċempel biex jagħti l-Milied it-Tajjeb lil ħaddieħor, u anke nerġgħu ningħaqdu ma' dawk li miġġildin magħhom jew ilna ma nkellmu. Fi żmien il-Milied ukoll niftakru f'dawk li huma inqas ixxurtjati minna u nibagħtu xi donazzjoni wkoll. Imma dan għalfejn isir biss fi żmien il-Milied? Għaliex mhux fil-kumplament tas-sena wkoll?

Hawn min jgħid li jkun jixtieq li l-Milied ikun is-sena kollha. Forsi għax ningħaqdu aktar mal-familja u mal-ħbieb tagħna. Biss naħseb li aħna nistgħu nagħmlu ħilitna u ma nħallux il-festa tal-Milied biex ningħaqdu ma' dawk li nkunu ilna ma naraw. Irridu wkoll nistaqsu lilna nfusna jekk aħniex nidħlu fl-ispirtu tal-Milied. Din il-festa m'għandniex niċċelebrawha biss billi nżejnu d-dar u nagħtu r-rigali lil xulxin, imma għandna wkoll nagħtu kas l-ispirtu wkoll. Għalhekk tajjeb li ma ninsewx li fil-festa tal-Milied irridu niċċelebraw it-Twelid ta' Ġesù Bambin. Nistgħu nagħmlu, ngħidu aħna, billi nattendu l-quddiesa ta' nofsillejl. Qed niftakar f'dawk in-nies li jgħixu fil-faqar, li m'għandhomx biex jixtru r-rigal lit-tfal u lil qrabathom. Biss għalkemm huma foqra dawn in-nies xorta waħda huma ferħanin u jaqsmu dak li għandhom ma' ħaddieħor. Aħna għandna x-xorti li nqattgħu l-Milied man-nies li huma qrib tagħna. Hemm familji li l-missier tal-familja jinsab jiġġieled f'xi gwerra u jissielet għal ħajtu. Għalhekk ma jistax ikun magħhom f'dan il-jum tant għażiż.

Għalhekk ejja nippruvaw li dan il-Milied niċċelebrawh b'mod differenti, niftakru u nġeddu t-twelid ta' Ġesù Bambin. Niftakru li Ġesù twieled fil-faqar, mingħajr tiżjin u tlellix. Ejja niftakru wkoll f'dawk li jinsabu waħedhom u nibdew inżuruhom aktar spiss u dan m'għandniex nagħmluh biss fix-xahar tal-Milied imma aktar spiss matul is-sena. Mela għalhekk nippruvaw li din is-sena jkollna Milied speċjali u ma nħalluhx jgħaddi qisu qatt ma ġie. Nippruvaw nagħmlu ħilitna biex inħallu 'l Ġesù Bambin jitwieled f'qalbna.

IL-MILIED U S-SENA T-TAJBA. ■


## BEJGĦ TA' BOLOL UŻATI

*B'RISQ IL-MISSJONI TAL-KAPUĊĊINI FIL-KENJA*
*€5 GĦAL KULL KILO BOLOL*

***Tista' tixtri dawn il-bolol mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini Floriana fil-ħinijiet tal-uffiċċju.***



# FTIT QTAR TA' ILMA NADIF



**"...E COSI LA VITA SARA PIU PIENA!"** HEKK KIEN JISPIĊĊA R-RITORNELL TAL-INNU LI AĦNA L-VOLONTIERA MALTIN KTIBNA BIEX FLIMKIEN MAT-TFAL INKANTAWH F'MUMENTI VARJI TA' DIN L-ESPERJENZA TAGĦNA ĠEWWA CATANIA. U KIEN EŻATTAMENT DAK LI AHNA XTAQNA NWETTQU, JEW AĦJAR, DIN ĦASSEJNA LI KIENET IS-SEJĦA TAGĦNA FLIMKIEN MA' DAWN IT-TFAL U ŻGĦAŻAGĦ: LI NISTEDNUHOM JGĦIXU ĦAJJA AKTAR MIMLIJA, ĦAJJA AKTAR BIS-SENS, MIBNIJA FUQ VALURI SODI, VALURI KRISTJANI.

Fi ftit kliem, din l-esperjenza nistgħu nħarsu lejha bħala ftit qtar ta' ilma nadif fuq pjanta niexfa. U f'ċirkustanzi bħal dawn tinduna kemm huwa l-ftit li tista' tagħmel, bħal dawk il-qatriet fuq il-pjanta... imma b'fidi sħiħa u tama ħajja, nemmnu li dak il-ftit huwa dak li kellna nagħmlu, imma għax isir b'ħafna mħabba jħalli ħafna ġid. Tal-anqas dak li aħna ttamajna.



## L-ESPERJENZA MAT-TFAL U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

Bħala Nsara, aħna morna b'xewqa waħda: dik li nwasslu lil Ġesù. Li twassal lil Ġesù lil ħaddieħor, hija ħafna drabi missjoni aktar wiesgħa milli sempliċiment titkellem fuq Ġesù, fuq min kien, u x'jitlob minna llum. Biex tevanġelizza jeħtieġ l-ewwel li titlaq mis-sitwazzjoni li ssib, u kif diġà għidt, is-sitwazzjoni ma kinitx faċli, b'mod speċjali maż-żgħażagħ li ħdimna magħhom fl-aħħar ġimgħa. Matul dawn it-tliet ġimgħat, aħna l-volontiera kellna l-għażla li nħarsu lejn it-tfal u ż-żgħażagħ minn żewġ lentijiet diversi. L-ewwel lenti li stajna nħarsu minnha hija dik artifiċjali u nażżarda ngħid immatura, li tara biss il-qoxra ta' barra, fejn faċilment tittimbrahom bħala arditi u keshin. It-tieni lenti, min-naħa l-oħra, hija dik aktar profonda u għaqlija, dik li tħares

lejn l-istorja kollha u tipprova tifhem u tagħder; u meta tagħżel din it-tieni lenti tista' tibda tifhem ir-raġuni għaliex l-attitudni tagħhom hija dik li hi. Tibda tinduna li wara dak il-karattru diffiċli u ġeneralment ribelluż hemm persuna li tixtieq tħobb u tkun maħbuba, persuna li tixtieq sigurtà, kif ukoll ħajja sabiħa mimlija ferħ u sliem. Sfortunatament dak li jibni din il-qoxra, li minħabba fiha nittimbraw persuni bħala kiesħa jew arditi, huwa kollu frott tal-ambjent li jkunu ġejjin minnu. U allura huwa bir-raġun li ż-żgħażagħ, li huma xi ftit aktar *in touch* mit-tfal mar-realtà li jinsabu fiha, ikunu aktar diffiċli biex taħdem magħhom. Għalihom il-ħajja hija dik li hi; jiġifieri li jissieltu mar-realtà li jinsabu fiha, realtà li faċilment iġġib magħha ġlied, anki dak aggressiv, u allura huma jridu juru li huma *tough*, u li mhu se jħallu 'l ħadd iroxxilhom il-bżar fuq imneħirhom. Esperjenza partikolari li laqtitna, u li tkompli tispjega l-ambjent li ġejjin minnu dat-tfal u ż-żgħażagħ, kienet meta lejn l-aħħar tal-esperjenza tagħna ġiet il-Madre tas-sorijiet, u kkummentat dwar kemm kienet sorpriża li kienu qed jieklu bilqiegħda mdawrin ma' mejda b'mod ċivilizzat, għax fi djarhom, żgur li ma jiklux hekk.

## IL-KOMMUNITÀ TA' VOLONTIERA

Il-grupp ta' voluntiera kien iffurmat minn taħlita ġmielha ta' żgħażagħ minn fost għalliema, pulizija, studenti universitari, *database* programmer, u aħna żewġ studenti Franġiskani Kapuċċini (Br Miguel Zammit u jien). Wieħed mill-isbaħ fatturi li esperjenzajna bħala kommunità kien dak tal-kumplimentarjetà. Kull persuna bl-uniċità tagħha ġabet fil-grupp xi ħaġa partikolari.

## L-ESPERJENZA MAS-SORIJIET

L-irwol tagħna l-volontiera Maltin kien li ngħaqqdu l-forzi flimkien ma' dawk tas-Sorijiet biex is-*summer camp* ikun jista' jseħħ. Imma dan offrielna wkoll opportunità biex insiru nafu xi ftit aktar lil dawn is-sorijiet iddedikati, li jaħdmu b'tant impenn mal-batut ġewwa Catania. Ilkoll kemm aħna bqajna impressjonati bil-mod ta' kif is-sorijiet jieħdu ħsieb lit-tfal, b'tant imħabba u paċenzja. Barra mit-tfal u ż-żgħażagħ, kienu joffru wkoll il-mensa (soup kitchen), fejn bosta foqra u dawk mingħajr saqaf fuq rashom kienu jiġu jieklu platt mimli u tajjeb. Din kienet għalina opportunità oħra fejn stajna nagħtu daqqa t'id. Is-sorijiet huma maħbubin ferm ġewwa Catania, u dan bla dubju, għax il-ħidma siekta mal-fqir hija kbira.

Żgur li din l-esperjenza ġewwa Catania se tibqa' mmarkata f'qalbna. Kienet esperjenza li għallmitna ħafna; minn kif ngħixu u naħdmu flimkien minkejja d-differenzi ta' bejnietna (bħal karattri differenti), sa kif tħares lejn il-persuni minn dik il-lenti għaqlija, li tipprova tifhem qabel ma tiġġudika jew tittimbra. Għalina bħala studenti Kapuċċini kienet esperjenza li kompliet tqarribna lejn il-fqir u l-batut, pilastri fundamentali għalina l-Kapuċċini. U nixtieq nagħlaq billi nistieden liż-żgħażagħ li qed jaqraw dan l-artiklu, biex huma ukoll, fil-vaganzi tagħhom, jieħdu l-isfida u jfittxu li jagħmlu parti minn esperjenza ta' volontarjat. Li nista' ngħidilkom hu li ma jiddispjaċikomx. ■





# INGĦAQAD MA' AKTAR MINN 15-IL MILJUN **LI JSEGWU L-PAPA FUQ TWITTER KULJUM**



ILLUM AKTAR MINN 15-IL MILJUN ISEGWU L-MESSAĠĠI QOSRA LI L-PAPA FRANĠISKU KULJUM JIBGĦAT FUQ TWITTER. DAWN JIDHRU BL-ILSNA TALJAN, INGLIŻ, LATIN, GĦARBI, ĊINIŻ, ĠERMANIŻ, SPANJOL U PORTUGIŻ. ĠIE MĦABBAR FID-9 TA' NOVEMBRU LI T-TWITTER TAL-PAPA BIL-LATIN GĦANDU IKTAR MINN 180,000 LI JSEGWUH!

Il-messaġġi li wħud minn tal-aħħar qed jidhru hawn huma qosra, inċisivi, li jiftehmu malajr, tista' wkoll tiftakarhom u jservuk biex tgħix aħjar l-Evanġelju, jiġifieri l-ħajja umana u nisranija tiegħek. Huma mezz qawwi ta' evanġelizzazzjoni ġdida għax il-Papa Franġisku huwa konvint li lkoll għandna nagħmlu kollox biex inwasslu l-messaġġ ta' Ġesù b'kull mod u b'kull mezz.

Fost id-diversi diskorsi sbieħ li l-Papa Franġisku wasslilna matul dawn l-aħħar ġimgħat nixtieq li nikkonċentra fuq it-tagħlim siewi u attwali li tana dwar IL-FAMILJA bi preparazzjoni għas-Sinodi li l-Knisja kollha qed tipprepara għalih.

## IL-FAMILJA

Kif kiteb il-Beatu Ġwanni Pawlu II il-familja mhijiex l-għadd tal-persuni li hemm fiha, imma hi «komunità ta' persuni» (ara nn. 17-18). U komunità hi aktar minn għadd tal-persuni. Hi l-post fejn wieħed jitgħallem iħobb, iċ-ċentru naturali tal-ħajja umana. Hi magħmula minn uċuħ, minn persuni li jħobbu, li jiddjalogaw, li jissagrifikaw ruħhom għall-oħrajn u jiddefendu l-ħajja, fuq kollox ta' dawk l-aktar fraġli u dgħajfa...

Kull wieħed minna jibni l-personalità tiegħu fil-familja, filwaqt li jikber mal-omm u l-missier u mal-aħwa, u jħoss is-sħana tal-imħabba fid-dar... Il-persuna tagħraf id-dinjità tagħha fi ħdan il-familja, u speċjalment fejn hemm edukazzjoni nisranija, tirrikonoxxi d-dinjità ta' kull

persuna, b'mod partikulari ta' min hu marid, dgħajjef u emarġinat.

Dan hu li jagħmel il-komunità-familja, li titlob li tkun rikonoxxuta bħala tali, l-aktar illum meta tant nitkellmu fuq il-ħarsien tad-drittijiet individwali. U jeħtieġ li niddefendu d-dritt ta' din il-komunità: il-familja.

Il-familja hi mibnija fuq iż-żwieġ. B'att ta' mħabba magħmul b'mod ħieles u b'fedeltà, il-miżżewġin insara jagħtu xhieda li ż-żwieġ bħala sagrament hu l-pedament li fuqu tinbena l-familja u li tissaħħaħ l-għaqda ta' bejniethom u l-għotja tagħhom infushom lil xulxin...

L-imħabba fiż-żwieġ u fil-familja turi wkoll b'mod ċar is-sejħa tal-persuna biex tħobb b'mod uniku u għal dejjem; u turi wkoll li t-tiġrib, is-sagrifiċċji u l-kriżijiet tal-koppja, u anki dawk stess tal-familja, jirrappreżentaw mogħdijiet biex wieħed jikber fit-tajjeb, fil-verità u fil-ġmiel. Fiż-żwieġ wieħed jagħti lilu nnifsu b'mod sħiħ mingħajr kalkoli jew riżervi, jaqsam kollox, id-doni u ċ-ċaħdiet, filwaqt li jafda fil-Providenza t'Alla.

Fiż-żwieġ hemm problemi: modi differenti ta' kif wieħed iħares lejn l-affarijiet, għira, tilwim. Jeħtieġ ngħidu lill-koppji ta' miżżewġin żgħażagħ li qatt ma għandhom itemmu l-ġurnata bla ma jkun hemm il-paċi bejniethom. It-tiġdid tas-sagrament taż-żwieġ iseħħ f'dak l-att ta' paċi wara li tkun saret xi diskussjoni, li jkun hemm xi nuqqas ta' ftehim, xi għira moħbija, u anki d-dnub. Jeħtieġ li ssir il-paċi li tgħaqqad il-familja...

L-"aħbar it-tajba" tal-familja hi importanti ħafna għall-evanġelizzazzjoni; l-insara jistgħu jikkomunikawha lil kulħadd bix-xhieda tal-ħajja u dan ġa qed jagħmluh u jidher b'mod ċar fis-soċjetajiet sekularizzati: il-familji li huma tassew insara jingħarfu mill-fedeltà, mill-paċenzja, mill-ftuħ għall-ħajja, mir-rispett lejn l-anzjani... Is-sigriet ta' dan kollu hu l-preżenza ta' Ġesù fil-familja.

Ejjew mela nipproponu lil kulħadd, b'rispett u b'kuraġġ, il-ġmiel taż-żwieġ u tal-familja mdawlin mill-Evanġelju. U ejjew nersqu b'attenzjoni u b'imħabba lejn il-familji f'diffikultà, lejn dawk li qed ikollhom iħallu arthom, li huma mkissrin, li m'għandhomx dar jew xogħol, jew li qed ibatu minħabba ċirkustanzi differenti; lejn il-miżżewġin li jinsabu fi kriżi jew li ġa huma mifrudin. Ejjew inkunu qrib ta' kulħadd bit-tħabbira ta' dan L-Evanġelju tal-familja, ta' dan il-ġmiel tal-familja.

**(Lill-Kunsill Pontifiċju tal-Familja, 25 t'Ottubru)**

## MIT-TWITTER TAL-PAPA

***Is-Sena tal-Fidi waslet fi tmiemha. Il-Mulej jagħtina f'dan il-waqt qaddis li nieħdu l-Evanġelju bis-serjetà.*** *7 ta' Novembru.*

***Aħna neħtieġu l-kuraġġ biex inkunu fidili għall-Evanġelju.*** *4 ta' Novembru*

***Irrodd ħajr lill-missjunarji kollha, irġiel u nisa, li fis-skiet jaħdmu ħafna għall-Mulej u għall-ġid ta' ħuthom.*** *2 ta' Novembru*

***Jekk il-flus u l-ħwejjeġ materjali jsiru ċ-ċentru ta' ħajjitna, jaħtfuna u jagħmluna skjavi.*** *28 t'Ottubru*

***Aħna lkoll midinbin. Imma Alla jfejjaqna bl-abbundanza tal-grazzja, tal-ħniena u tat-tjieba tiegħu.*** *27 t'Ottubru*

***Għeżież li ssegwuni. Naf li hawn aktar minn 10 miljuni minnkom! Irroddilkom ħajr b'qalbi kollha u nitlobkom tkomplu titolbu għalija.*** *26 t'Ottubru*

***Tkun nisrani jfisser nidħdu lilna nfusna, nerfgħu salibna u ngorruh ma' Ġesù. M'hemmx triq oħra.*** *22 t'Ottubru.*

***Il-Kurċifiss ma jfissirx telfa jew falliment. Huwa jirrivelalna l-Imħabba li tirbaħ il-ħażen u d-dnub.*** *22 t'Ottubru.*

***Jekk irridu nkunu nafu l-Mulej, jeħtiġilna mmorru għandu. NisimgħuH fis-skiet quddiem it-Tabernaklu u nersqu lejH fis-Sagramenti.*** *19 t'Ottubru.*

GĦAL AKTAR MATERJAL TA' TAGĦLIM U KATEKEŻI LI L-PAPA FRANĠISKU QED IWASSLILNA KULJUM WIEĦED JISTA' JFITTXU FUQ IL-WEB SITE: **www.laikos.org**



# DEJJEM ASSOĊJAJT LIL SAN FRANĠISK MAL-FAQAR... **IMMA MORT ŻMERĊ!**





DEJJEM ĦSIBT LI L-IKTAR VIRTÙ LI TISPIKKA F'SAN FRANĠISK T'ASSISI HIJA DIK TAL-FAQAR. U FORSI ĦAFNA HUMA DAWK LI JASSOĊJAW LILL-FQAJJAR T'ASSISI MA' DIN IL-VIRTÙ EVANĠELIKA LI, FIL-FATT, HUWA GĦEX B'RADIKALITÀ KBIRA FUQ L-EŻEMPJU TA' KRISTU, "FQIR U MSALLAB"[1]. IŻDA IKTAR MA NAQRA U NISMA' DWAR IL-QADDIS UMBRIJAN, IKTAR NIKKONVINĊI RUĦI LI FRANĠISKU KIEN AFFAXXINA RUĦU MHUX TANT BIL-FAQAR TA' KRISTU, DAQSKEMM BL-UMILTÀ TIEGĦU.

Franġisku kkontempla profondament din l-umiltà ta' Kristu fi tliet mumenti partikolari: (i) it-twelid tiegħu f'Betlem, liema ġrajja San Franġisk kien iħobb isejħilha l-"festa tal-festi"; (ii) il-tisliba tiegħu, meta "wiċċu tħassar, donnu ma kienx bniedem u s-sura tiegħu ma kontx tqisha ta' bniedem" (Iż 52:15) u (iii) s-Sagrament tal-Ewkaristija li jirrappreżenta l-quċċata tat-tixjin tal-Iben ta' Alla. Tliet misteri kbar fil-Kristjaneżmu li jikxfu umiltà tal-għaġeb, wieħed iktar minn ieħor.

Kultant, fil-kitbiet tiegħu, naraw lil Franġisku jgħaddi b'ħeffa minn misteru għall-ieħor waqt li jħalli lilu nnifsu jistagħġeb b'dik il-virtù li tgħaqqadhom flimkien f'unità waħda: l-umiltà. Hekk, per eżempju, fl-ewwel mit-tmienja u għoxrin twissija li ħallielna, Franġisku jħeġġiġna għall-adorazzjoni Ewkaristika b'riferenza għal dak li ġara fl-ewwel Milied: ***"Araw, kuljum jumilja ruħu, bħal meta mit-tron irjali tiegħu ġie fi ħdan il-Verġni. Kuljum infatti jiġi għandna f'sura tassew umli. Kuljum jinżel minn ħdan il-Missier fuq l-artal f'idejn is-saċerdot"***[2]. Kultant, it-telfa tiegħu quddiem il-kobor tal-umiltà ta' Alla ġġiegħlu jinfexx fi kliem ta' stagħġib li jsir qisu poeżija u jieħu l-forma ta' kantiku lill-umiltà: ***"O x'għoli tal-għaġeb u x'għaġeb ta'***

***tbaxxija! O x'umiltà kbira, O x'kobor umli! Li s-Sid tal-ħolqien kollu, Alla u l-Iben ta' Alla, iċekken daqshekk lilu nnifsu biex għas-salvazzjoni tagħna jinħeba taħt ix-xbieha ta' farka ħobż! Ħarsu, ħuti, lejn l-umiltà ta' Alla u iftħu qalbkom quddiemu"***[3].

Xena oħra mill-paġni tal-Evanġelju li ġibdet l-attenzjoni ta' San Franġisk minħabba l-aċċenn li tagħmel fuq l-umiltà ta' Kristu hija dik tal-ħasil tar-riġlejn fl-Aħħar Ċena (Ġw 13:1-20). Din is-silta ssir donnha ritornell fil-kitbiet tiegħu. Per eżempju, fir-raba' Twissija, Franġisku jitkellem mill-ħasil tar-riġlejn f'rabta mal-irwol tas-superjur u jgħid hekk: ***"Dawk li huma mqegħdin fuq l-oħrajn biex imexxuhom għandhom jiftaħru bis-superjorat tagħhom daqskemm kienu jiftaħru li kellhom jiġu magħżula biex jaħslu r-riġlejn ta' ħuthom"***. [4] Għal San Franġisk ma kienx importanti t-tip ta' xogħol jew irwol li wieħed ikollu, imma li dak l-irwol jiġi eżerċitat b'atteġġjament ta' qadi. Franġisku jwissi dwar il-periklu li wieħed jidentifika ruħu mat-tip ta' ministeru li jkollu u hekk jitlef dik il-libertà tal-qalb li hija waħda mill-karatteristiċi tal-bniedem umli: ***"U li kellhom (is-superjuri) jitħawdu aktar li tneħħielhom l-uffiċċju ta' superjur milli l-uffiċċju li jaħslu r-riġlejn ta' ħuthom, b'din l-imġiba jkunu qed jimlew il-boroż tagħhom, b'periklu kbir għal ruħhom (ara Ġw 12:6)"***[5]. Fis-sitt kapitlu tal-ewwel Regola, Franġisku jisħaq dwar l-istess punt meta jgħid: ***"U ħadd minnhom (mis-superjuri) ma jissejjaħ 'pirjol', imma lkoll xorta waħda jissejħu aħwa minuri. U għandhom jaħslu riġlejn xulxin"*** (ara Ġw 13:4). Skont ma jirrapurtaw l-ewwel bijografi ta' ħajtu, meta Franġisku ra li kienet qorbot iż-żjara ta' oħtu l-mewt tal-ġisem, ried li jaqrawlu propju s-silta tal-ħasil tar-riġlejn.[6] Kif jgħid il-Malti: 'Kif tgħix tmut'. Fl-agunija ta' mewtu, Franġisku, li kien għadda ħajtu 'jaħsel riġlejn il-lebbrużi', ried jerġa' jġedded il-memorja ta' Kristu li jitbaxxa bil-fardal ma' qaddu u jgħaddi jaħsel saqajn l-appostli.

Qed tiġini f'moħħi silta mill-isbaħ minn diskors ta' l-isqof San Girgor Nazjanzenu li fih dan l-għaref tal-Knisja jirrifletti dwar l-umiltà ta' Kristu meta dan baxxa rasu biex jitgħammed minn Ġwanni



l-Għammied fl-ilma tal-Ġordan: 'ix-Xemx tmil quddiem il-musbieħ, il-Kelma quddiem il leħen, l-Għarus quddiem il-ħabib tal-Għarus, il-Kbir fost il-ħlejjaq kollha quddiem l-aqwa wieħed fost kemm twieldu min-nisa, Dak li tqiem fil-ġuf quddiem dak li qabeż bil-ferħ f'ġuf ommu'. [7]

Il-virtù tal-umiltà hija l-maqlub tas-suppervja jew tal-kburija. Jekk din tal-aħħar tirreferi għal dik it-tendenza diżordinata fina li timbuttana biex nitkabbru u nilagħbuha ta' alla, l-umli (mil-Latin 'humus' li tfisser 'art') huwa dak li jżomm saqajh mal-art, li jagħraf il-verità tiegħu nnifsu bid-dgħufija u l-limiti kollha tiegħu u għalhekk ma jazzardax jogħla fuq ħaddieħor, lanqas ma jipprova jieħu post alla. Fi kliem il-Ġiżwita Fr Peter van Breemen, ***"humility means to focus more on God or Jesus than on self. Orientation towards God's glory is decisive. A genuinely humble person is fascinated by God's beauty and holiness.Humility then is closely related to adoration which is the heartfelt desire that God be God. Because God is God, the human can be human"***[8]. Fl-artiklu tax-xahar id-dieħel se naraw xi suġġerimenti prattiċi li l-Fqajjarr t'Assisi jagħtina biex nikbru f'din il-virtù li, kif jgħidilna huwa stess, ***"tħawwad il-kburin"***.[9]

## REFERENZI


1. TUMAS MINN CELANO, *It-Tieni Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi*, 105.
2. FRANĠISKU T'ASSISI, *Twissijiet*, I, 3.
3. FRANGISKU T'ASSISI, *Ittra lill-Ordni kollu*, 27.
4. FRANĠISKU T'ASSISI, *Twissijiet*, IV, 2.
5. IBID., 3.
6. SAN BONAVENTURA, *Il-Leġġenda Maġġuri*, XIV, 5.
7. GIRGOR NAZJANZENU, *Diskors 39 f'Jum id-Dawl Imqaddsa*, 14.
8. VAN BREEMEN, *Let All God's Glory Through*, St Pauls, Mumbai 1996, 143.
9. FRANĠISKU T'ASSISI, *Tislima lill-Virtujiet*, 12.



# FIL-MISRAĦ TA' EIN KAREM



ELISHEVA KELLHA T-TARBIJA TA' SITT XHUR FUQ DRIEGĦ WIEĦED WAQT LI BL-IEĦOR QABDET BOMBLU TAL-FUĦĦAR BIEX TFITTEX TMUR IĠĠIB L-ILMA MILL-GĦAJN TAL-MISRAĦ. MA SETGĦETX TKOMPLI SSAJJAR GĦAX MA KIENX FADLILHA QATRA ILMA. B'XORTI TAJBA MHUX LI KELLHA WISQ BOGĦOD GĦALL-GĦAJN GĦAX KIEKU KIEN IKOLLHA TĦALLI LIL BINHA MA' XI ĠIRIEN, KIEN BEDA JITQAL ĠMIELU.

Xhin waslet fil-misraħ indunat li kien hemm bosta raħħala u ħafna nisa, lkoll ipaċpċu bejniethom, filwaqt li jimlew il-ġarar tagħhom bl-ilma għal djarhom. Ma damitx ma fehmet għaliex dak l-eċċitament mhux tas-soltu.

Qrib il-għajn minn fejn jieħdu l-ilma tax-xorb kien hemm ħawt kbir li minnu soltu jixorbu ż-żwiemel, ħmir, bgħula u xi ngħaġ u mogħoż ukoll, ilma ġieri nieżel mill-għoljiet Karem. Imma dakinhar ma kinux l-annimali tas-soltu li resqu 'l hemm biex jixorbu. Kienu tliet iġmla.

Ngħiduha kif inhi, lanqas ma kienet ħaġa rari li tara xi ġemel jixrob minn hemm. Li mhux tas-soltu kienet id-dehra ta' tlitt irġiel lebsin b'mod stramb. Ðgur li ma kinux Lhud, lanqas ma kienu ragħajja, ħaddiema tal-għalqa jew xi negozjanti. Setgħu kienu slaten minn art imbiegħda, ilbieshom rikk tal-bellus miksi perli u deheb kien jixhed dan. Tnejn minnhom, b' ġilda

ftit skura kienu mitlufin jitkellmu bejniethom waqt li l-ieħor beda qisu jiggosta lil dawk in-nisa ċassi jħarsu lejh. Ħalli għalihom in-nisa, billi ma jbatux bil-kurżità!

Elisheva waqfet ftit 'il bogħod minn dak it-tielet raġel li kważi kellu tbissima fuq xofftejh. Hi wkoll kellha kurżità kbira mhux li ssir taf min hu, imma xi jumejn qabel kellha esperjenza li għaliha baqgħet misterjuża. Min jaf jekk dak kienx xi saħħar, xi studjuż kbir li jaf jispjegahielha? Mill-banda l-oħra, mara mhux soltu tkellem lil raġel barra t-triq, bilkemm lil żewġha. B'daqshekk? X'seta' jiġrilha? Setgħet tapprofitta ruħha mill-fatt li kienet avvanzata ġmielha fl-età, ħallihom jgħidu li jridu n-nisa l-oħra.

Qorbot lejn dak ir-raġel tal-ilbies sbejjaħ u tat-tbissima fuq xufftejh. Erħiet il-bomblu tal-fuħħar mal-art għax it-tifel beda jiżżerżaq 'l isfel. Sellmet lil dak ir-raġel b'inkin żgħir u qaltlu: "*Ja Sidi, qalbi qed tgħidli li intom ġejjin min-naħa ta' Bethlehem. Nixtieq insaqsik xi ħaġa... għax xi jumejn ilu kont fis-setaħ tagħna fil-għoli u rajt kewkba ta' dawl mhux tas-soltu li damet biċċa mhux ħażin miexja u wara waqfet għal ftit, imbagħad għebet għal kollox. Taf, jekk jogħġbok tgħidli x'kien dak il-fenomenu għax... għax għandi kuġinti Maryam li bħal issa aktarx li tinsab hemm, din qed tistenna tarbija, emminni moħħni fiha... Tgħid mort imqarrqa, kienet biss l-immaġinazzjoni tiegħi?*"

"*Mara, sewwa qed tgħid. Kienet kewkba speċjali dik! U kellek taraha int ukoll! Jien ma nafx min inti, imma ladarba Yaħweh riedek tara dak il-fenomenu jfisser li xtaq jgħaddilek il-bxara... Iva, għax dakinhar twieldet tarbija, tifel speċjali, li aħna t-tlieta ġejna minn artijiet 'l bogħod biex inqimuh. Id-dinja għad tinbidel bit-tagħlim tiegħu... fl-istess ħin wisq nibża' li l-istess niesu mhux ser japprezzawh. Għad ibati... għad ibati ferm dak it-tifel... u miegħu għad ibati wkoll dak li ġej iħejjilu t-triq... X'jismu dan ibnek, mara?*"

"*Jismu Yochanan.*"

"*La jibda jikber Yochanan, ftakar, irrakkontalu dwar dik il-kewkba, tinsiex, għax hu għad ikollu sehem kbir fil-missjoni ta' dak li twieled f'Bethlehem.*"

Kif qal hekk għolla jdejh it-tnejn fuq ras it-tarbija, refa' rasu 'l fuq u talab: "*Il-barka ta' El Shaddai ta' Iżrael tinżel fuqek, mara u fuq dan ibnek. Inħossni xxurtjat li ltqajt magħkom.*"

"*Jien ukoll, ja Sidi!*" temtmet Elisheva waqt li baqgħet iċċassata tħares lejh. Imbagħad sellmitlu, ġabret il-bomblu minn mal-art u bid-dmugħ nieżel ma' wiċċha marret timla l-ilma. U żammet f'qalbha, sa ma mietet, il-kliem li darba qalilha dak ir-raġel fil-misraħ ta' Ein Karem. ■

KTIEB RIGAL GĦAL ŻMIEN IL-MILIED

## "ĠABRA TA' LEĠĠENDI"

***Il-qligħ kollu jmur b'risq IL-MISSJONI TAL-KAPUĊĊINI, FIL-KENJA***

L-awtur Joseph C. Camilleri qed ibigħ il-ktieb tiegħu **'Ġabra ta' Leġġendi'** bil-prezz ta' €7.99 (il-ktieb €6.99 u pustaġġ għal Malta €1). Ibgħat ċekk f'dan l-indirizz:

***Patri Philip Cutajar***
***Segretarju tal-Missjoni***
***Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Il-Furjana***
***FRN1211***



## RIŻULTATI

NOVEMBRU 2013

ROKNA GĦAT-TFAL
SIBU L-KLIEM MITLUF
Ir-rebbieħ huwa: **Nathan Pace**
"Ta JonYa", Triq San Franġisk
QALA, GĦAWDEX

TISLIBA
Ir-rebbieħa hija: **Marija Caruana Trapani**
"Victoria", 47, Triq il-Kartoċċ, Tal-Ibraġġ.

Agendabookshop

Ir-rebbieħa qed jingħataw żewġ kotba kull wieħed ġentilment mogħtija minn **AGENDA MILLER DISTRIBUTORS Ltd.** Dawn għandhom jiġbru l-premju mill-Uffiċċju Missjoni, Kunvent Kapuċċini, Floriana
Tel: 2123 3874 bejn id-9.00 u l-11.00 a.m. jew bejn il-5.00 u s-7.00 p.m.

# IL-PRESEPJU TIEGĦI



**TA' KULL SENA, FI ŻMIEN IL-MILIED NARMA L-PRESEPJU, BI FTIT DWAL ŻGĦAR BIEX IFAKKRUNI FIL-MIĠJA TAL-FEDDEJ KIF UKOLL FL-EWWEL PRESEPJU LI GĦAMEL SAN FRANĠISK T'ASSISI.**

L-iżgħar pastur li hemm hu l-Bambin fil-maxtura; fl-istess ħin nafu li Hu l-ikbar wieħed għax hu l-bidu ta' kollox. Marija, bil-ħlewwa tindukrah tajjeb u Ġużeppi, raġel ġust, iħares lejhom. Ir-ragħajja deħlin mgħaġġlin fil-għar, wieħed minnhom mibni b'saffejn, b'xagħar twil qisu Sansun, u ieħor jadura lill-Messija, it-tarbija mistennija għall- fidwa tal-umanità. In-nagħaġ deħlin ukoll biex jaraw x'hemm f'dak il-lejl speċjali iktar mis-soltu.

L-anġli, min jadura, min jitpaxxa bil-Bambin waqt li l-anġlu ta' fuq il-grotta b'żigarella f'idejh li tgħid ***"Glorja in excelsis Deo!"*** Il-ħmara u l-baqra, li kellhom ix-xorti li jkunu hemm għal din il-ġrajja hekk kbira, bin-nifs tagħhom isaħħnu lit-tarbija Ġesù. Il-Maġi ġejjin mill-bogħod u qatt ma jaslu għax weqfin fuq l-iġmla tagħhom, iħarsu lejn il-kewkba li waqfet fuq il-grotta.

Raġel bejjiegħ tal-ħut ifakkarni li bosta mill-Appostli kienu sajjieda tal-ħut u



nbidlu f'sajjieda tal-erwieħ. Mara għaddejja bil-ħobż f'idha tfakkarni li Ġesù qalilna li Hu l-ħobż tal-ħajja. Dawn iż-żewġ pasturi flimkien ifakkruni wkoll fil-miraklu tat-tkattir tal-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet. Pastur ieħor huwa raġel iġorr il-krietel tal-inbid fuq karettun immexxi minn barri. Dan iġibli quddiem għanejja l-miraklu tat-tieġ ta' Kana, u iktar minn hekk li l-Mulej Ġesù għażel l-inbid biex ibiddlu f'demmu l-għażiż fl-aħħar ikla tiegħu tal-Patt il-Ġdid. Waqt li l-inbid, l-aktar għal-Lhud ifisser festa.

Hemm raġel ieħor jixrob l-ilma minn għajn tal-ilma. Dan qisu jrid jgħidli li kif l-ilma li jfisser ħajja huwa ferm importanti għall-bniedem, hekk ukoll Ġesù Kristu huwa bżonn għall-ħajja tal-bniedem. Barra minn hekk, dan l-istess ilma jfakkarni f'meta suldat Ruman nifed il-ġenb ta' Ġesù fuq is-Salib u minnu ħarġu ftit qtar tal-ilma. Ifakkarni wkoll f'dak il-passaġġ tal-Antik Testment meta l-Poplu Lhudi qam kontra Alla għax kien bil-għatx fid-deżert Sinaj; u Alla ordna 'l Mosè biex jagħtihom jixorbu minn blata, u hekk sar. Mara ttella' l-ilma mill-bir tfakkarni fis-Samaritana li talbet lil Ġesù jagħtiha l-ilma li jaqta' l-għatx għal dejjem. Dan l-istess bir ifakkarni fil-bir ta' Ġakobb ukoll. Żewġ nisa Lhud jitkellmu bejniethom resqin lejn il-bir waqt li waħda minnhom iġġorr ġarra f'idha. Dawn ifakkruni f'Marta u Marija, żewġ nisa ħbieb ta' Ġesù.

Ftit imwarrab mill-grotta jidher ġuvnott jaħdem l-għalqa. Ifakkarni f'dak il-missier li bagħat liż-żewġ uliedu jaħdmu l-għalqa. Il-kbir qallu li ser imur u ma mar xejn, waqt li ż-żgħir mar u ħadem l-għalqa għalkemm għall-ewwel ma riedx imur.

F'għar żgħir hemm ukoll żagħżugħ rieqed. Dan ifakkarni fil-bniedem li ma jaħdimx it-talenti li Alla għoġbu jisilfu għall-ġid tiegħu u ta' ħaddieħor.

Pastura oħra għaddejja minn quddiem il-grotta hija mara xwejħa bl-iskora fuq daharha li ma tindunax bl-isbuħija ta' dan il-lejl tal-Milied. Jimpurtaha biss minnha nnifisha u tinsa t-tbatijiet ta' ħaddieħor, kif drabi nagħmlu aħna llum. Hi qed iġġorr it-tbatija fl-ixkora tagħha u tinsa l-miġja tal-Feddej li tinsab tant fil-qrib.

Fl-istess presepju hemm razzett b'ħafna annimali fejn il-pasturi kollha qegħdin fuq xogħolhom. Hemm min qed jaħleb u min jagħlef, waqt li wieħed qed idoqq il-flawt. Boton qżieqeż magħluq wara xatba. Dawn ifakkruni meta l-Mulej keċċa leġjun tax-xjaten u bagħathom f'merħla ħnieżer li kollha marru u qabżu mill-irdum għal isfel. In-nies tal-inħawi keċċew 'il Ġesù minn hemm għax kienu rrabjati sew li tilfu l-ħnieżer tagħhom għal xejn b'xejn. Ma għarfux li Ġesù Kristu hu l-Messija, bħal ħafna nies oħra, fosthom il-Lhud li għadhom qed jistennewh.

Dan il-boton ħnieżer ifakkarni wkoll fl-istorja tal-iben il-ħali li spiċċa jirgħa l-qżieqeż sa ma ntebaħ bil-mizerja tiegħu u mar lura għand missieru.

Hemm ukoll raddiena żgħira fuq għolja u siġar 'l hawn u 'l hinn. Musbieħ ħelu fil-għar biex jagħti dawl liċ-ċkejkna pasturi miġbura biex iqimu lill-Bambin tfakkarni li Ġesù nnifsu huwa d-dawl tad-dinja. Il-qamar ħiemed jagħti l-wens lil kulħadd u l-kwiekeb ileqqu juru s-sbuħija ta' dak il-lejl. Il-kewkba l-kbira iddawwal is-sema bid-dija tagħha għax twieled ir-re tar-rejiet.

Dan il-presepju għalija huwa mezz biex bih nirrifletti aktar fuq il-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-ħin li nqatta' nħares u niċċassa lejh żgur mhux telf ta' żmien. ■

*L-Aħwa Franġiskani Kapuċċini jwasslu lill-qarrejja kollha tad-Dawl Franġiskan flimkien mal-benefatturi tal-missjoni*

***Milied Nisrani U Sena Ġdida mimlija Paċi u Ġid***

# KAPPILLANI ĠODDA FIT-TLIET PARROĊĊI AFDATI F'IDEJNA



**Nhar il-Ħadd, 29 ta' Settembru**, Ħuna Domenic Mangani ta bidu għall-ħidma pastorali tiegħu bħala kappillan fil-Parroċċa ta' Marija Reġina, fil-Marsa. Ħuna Dominic li għal dawn l-aħħar sentejn kien Ministru Provinċjal u anke Viċi Kappillan fl-istess parroċċa aċċetta dan l-impenn pastorali minn idejn l-Arċisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona o.p. flimkien mal-Ministru Provinċjal Ħuna Martin Micallef.



***P. Dominic Mangani flimkien mal-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona u l-Ministru Provinċjal Ħuna Martin Micallef mat-tmiem tal-quddiesa kkonċelebrata għall-okkażjoni fil-Paroċċa ta' Marija Reġina.***

**Nhar il-Ħadd, 13 ta' Ottubru**, Ħuna Emanuel Abela ċċelebra l-okkażjoni tal-bidu tal-ministeru tiegħu bħala Kappillan tal-Paroċċa, Marija ta' Lourdes f'San Ġwann. Huwa kien akkumpanjat mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona OP, mill-Ministru Provinċjal Ħuna Martin Micallef, l-Aħwa tal-parroċċa u bosta Aħwa Kapuċċini oħra. Ħuna Emanuel temm ħidma fejjieda mal-morda fl-isptar Mater Dei. Lil dan Ħuna nawgurawlu li jkompli bl-istess dedikazzjoni jingħata għall-merħla ġdida li l-Mulej issa qed jafdalu f'idejh.





***Il-Kappillan il-ġdid Ħuna Emanuel Abela jwettaq parti miċ-ċelebrazzjoni tal-bidu tal-ministeru tiegħu, dik li jkun responsabbli mis-sagramenti speċjalment dak tar-Rikonċiljazzjoni lejn dawk kollha li jersqu jfittxu l-ħniena u l-maħfra ta' dnubiethom.***

**Nhar is-Sibt, 9 ta' Novembru 2013** kien imiss lil Ħuna Leonard Falzon sabiex jiċċelebra l-bidu tal-ministeru tiegħu bħala kapillan ġdid fil-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa, fil-Marsa. Mexxa ċ-ċelebrazzjoni l-Isqof Charles J. Scicluna li jiġi n-neputi ta' Ħuna Leonard. Qabel ma ġie msejjaħ għal din il-ħidma ta' Kappillan Ħuna Leonard kien qed jaqdi d-dmirijiet pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' San Ġwann u għal 16-il sena kien Editur tad-Dawl Franġiskan. Nawgurawlu u nitolbu għalih.



***Ħuna Leonard Falzon f'Jum il-Bidu tal-Ħidma Pastorali tiegħu bħala Kappillan fil-Parroċċa Trinità Qaddisa flimkien ma' neputih l-Isqof Mons. Charles J. Scicluna u l-Ministru Provinċjal P. Martin Micallef.***




# RIKONOXXIMENT ĊIVIKU GĦAL ĦUNA ĠWAKKIN MERCIECA

**Fl-okkażjoni ta' JUM PAOLA**, li ġie ċċelebrat fid-19 ta' Lulju 2013, is-Sindku u l-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid, Paola, għoġobhom jonoraw lil Ħuna Ġwakkin Mercieca bi plakka tal-fidda b'apprezzament għall-ħidma tiegħu b'risq in-nies ta' dan ir-raħal, speċjalment matul dawn l-aħħar snin bħala Gwardjan fil-Fraternità ta' Sant'Antnin, f'Għajn Dwieli.

Grazzi u prosit lil dan Ħuna għall-ħidma speċjalment pastorali tiegħu. ■

# IL-FONDAZZJONI RISe TINAWGURA L-UFFIĊĊJU TAGĦHA

**Ħuna Franco Fenech flimkien mas-Sur Charles Mifsud** taw bidu għall-Fundazzjoni RISe (*Rehabilitation in Society*) bil-għan li toffri programm professjonali lill-priġunieri fl-aħħar żmien tas-sentenza tagħhom, qabel ma jidħlu fis-soċjetà. L-iskop prinċipali huwa li dawn qatt iżjed ma jirritornaw lejn iċ-Ċentru ta' Rijabilitazzjoni ta' Kordin. Nawguraw suċċess lil Ħuna Franco għal din il-ħidma qaddisa u mhux inqas Franġiskana favur ħutna li ħafna drabi jħossuhom imwarrba mis-soċjetà. Prosit u *keep it up*! ■



# IL-KAPUĊĊINI JIFTAKRU F'ĦUTHOM MEJTIN



**Nhar it-Tlieta, 5 ta' Novembru 2013** l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini nġabru lkoll fiċ-ċimiterju ta' Marija Adolorata, f'Raħal Ġdid sabiex, bħal ta' kull sena, jiftakru fl-Aħwa Kapuċċini flimkien mal-qraba, membri fl-OFS, benefatturi u ħbieb mejtin. Dan sar permezz ta' korteo mill-bieb prinċipali sal-Kappella tal-istess ċimiterju fejn hemmhekk saret Quddiesa konċelebrata mmexxija minn P. Martin Micallef, Ministru Provinċjal.

Attendew għadd ġmielu ta' Aħwa Kapuċċini flimkien ma' membri fl-OFS, membri tal-gruppi ta' P. Piju, qraba u ħbieb. Iċ-ċelebrazzjoni ntemmet bit-tberik tal-oqbra fejn hemm midfuna l-Aħwa Kapuċċini li mietu matul dawn l-aħħar 100 sena. ■




# MONS. JOE ALESSANDRO JIKTBILNA MINN GARISSA

*Għażiż Fr. Philip,*

*Illum irċevejt il-ħarġa ta' Ottubru ta' Dawl Franġiskan, l-ewwel waħda minn mindu inħtart mill-ġdid bħala l-Editur ta' din ir-rivista li wellidt int stess.*

*Prosit tassew! Kemm jiena kif ukoll l-isqof Pawlu inkunu nistennewha bil-ħerqa. Din id-darba rajna li għandha libsa ġdida. Prosit, grazzi u awguri għal quddiem.*

*Il-Ħadd li għadda kienet il-Ġurnata Missjunarja. Dakinhar, fil-parroċċi u fl-out-stations kollha tad-djoċesi ta' Garissa ċċelebrajna Jum il-Missjoni. Bħalma jsir f'Malta l-ġbir għall-missjoni, anki hawn in-nies jagħtu mill-ftit li għandhom għax jafu li jagħmlu parti minn Knisja universali u li minnha qegħdin jibbenefikaw bil-wisq aktar minn dak li jikkontribwixxu, grazzi għall-qalb ġeneruża ta' tant kattoliċi f'Malta u f'pajjiżi oħra li jaqsmu magħhom minn dak li l-Mulej ipprovdielhom.*

*Jiena mexxejt il-quddiesa fil-Katidral. Ħafna tfal u studenti tal-Missionary Childhood (f'Malta nafuha bħala s-"Santa Infanzja") animaw u ħadu sehem fil-quddiesa, u peress li f'dawn il-ġimgħat li ġejjin dawk li ser jispiċċaw l-edukazzjoni primarja u sekondarja ser ikollhom l-eżamijiet nazzjonali, tlabna għalihom, berikthom u beriktilhom dawk l-affrijiet li ser jużaw waqt l-eżami, bħalma huma clip-boards, geometrical set squares, byros, etc., insomma l-istationery li ser jużaw. Wara l-quddiesa ltqajt magħhom fis-sala parrokkjali u kellimthom u għamiltilhom kuraġġ. Peress li kienu ilhom minn filgħodu kmieni sas-2.00 p.m. tajniehom flixkun soft drink qabel ma marru lura d-dar jew il-boarding school.*

*Hawn qed nibgħatlek ftit ritratti ta' nhar il-Ħadd li għadda fejn qed inbierek lill-istudenti u l-affarijiet li ġabu magħhom u wkoll fejn qed inkellimhom.*

*Jekk Alla jrid, f'inqas minn tliet ġimgħat oħra inkun fostkom. Ġimgħa qabel nasal Malta ser inkun għal-laqgħa tal-Konferenza tal-Isqfijiet li ser issir f'Kisumu, li huwa 'l bogħod minn Garissa mat-850 kilometru. Hekk kif nispiċċaw, immorru dritt Nairobi minfejn imbagħad nitlaq għal Malta. Ser nasal Malta t-Tnejn, 11 ta' Novembru, mal-Emirates fis-1.20 p.m. Nerġgħu niltaqgħu mill-ġdid.*

*Filwaqt li nirringrazzjak ta' kull għajnuna li dejjem kont għalija, insellimlek, sellili u berikni.*

*F'għaqda fraterna ta' talb,*

*Ħuk,*

*+Joe*

SEGRETARJAT MISSJONI KAPUĊĊINI

**INFAKKRU LILL-BENEFATTURI KOLLHA TAL-MISSJONI TAL-KENJA LI BĦALISSA HAWN FOSTNA L-ISQOF KOADJUTUR TA' GARISSA MONS. JOSEPH ALESSANDRO**

**FLIMKIEN MA' ĦUNA SPIRO GALEA, MISSJUNARJU F'HOLA - KENJA.**

**DAWN SER JIBQGĦU MAGĦNA SA NHAR L-ERBGĦA 18 TA' DIĊEMBRU.**

# GRUPP FAMILJI FRANĠISKANI

Għal darb'oħra l-Grupp Familji Franġiskani (GFF) tal-Furjana ta offerta ġeneruża ta' €8,000 b'risq il-Ħidma Missjunarja tal-Franġiskani Kapuċċini. Din l-għotja saret wara ħidma ta' *fund raising* li wettaq il-grupp matul dawn l-aħħar xhur. Din il-ħidma prinċipalment kienet tikkonsisti f'*coffee morning*, tombla u *Bar-Be-Que* li sar nhar id-9 ta' Awwissu u li għalih attendew 280 persuna. Din is-somma ta' flus ġiet mogħtija lil Fr. Philip Cutajar OFMCap. bħala responsabbli tas-Segretarjat tal-Missjoni Kapuċċini Maltin. Huwa, f'isem il-missjunarji kollha, apprezza dan il-ġest li warajh hemm moħbi sforz li sar b'tant sagrifiċċji mill-membri kollha sabiex setgħet tinġabar din is-somma fi żmien hekk qasir. ■




***Membri tal-Grupp Familji Franġiskani qed jagħtu ċ-ċekk ta' €8,000 għall-Missjoni tal-Kapuċċini fi tmiem ta' BBQ li sar nhar it-9 ta' Awwissu fil-Kunvent tal-Furjana.***

# MARATONA B'RISQ IL-MISSJONI TAL-KAPUĊĊINI

**Nhar is-Sibt u l-Ħadd, 15 u 16 ta' Settembru 2013** ġiet organizzata MARATONA B'RISQ IL-MISSJONI b'inizjattiva mill-Kavallieri ta' San Lażżru ta' Ġerusalemm b'koperazzjoni mal-UTV. Din il-maratona ġiet murija għal jumejn sħaħ fuq it-tv. channels prinċipali Maltin. L-għan ta' din l-attività kien li jinġabru fondi b'risq il-ħidma li l-Kavallieri ta' San Lażżru ta' Ġerusalem qed iwettqu mal-lebrużi, b'risq il-missjoni fl-Indja mmexxija minn Ħutna l-Franġiskani Konventwali u b'risq il-missjoni tagħna l-Franġiskani Kapuċċini ġewwa l-Kenja.

Il-fondi li nġabru jlaħħqu t-total ta' €90,000. Hija somma tassew sabiħa. Fr. Philip Cutajar, responsabbli mill-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini u li kien wieħed mill-organizzaturi ta' din il-Maratona, jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom għas-suċċess ta' din l-attività, speċjalment lill-membri żgħażagħ tal-ĠIFRA (Żgħażagħ Franġiskani) u lill-Grupp Familji Franġiskani tal-Furjana. Ħajr ukoll imur lejn dawk li bagħtu l-għotjiet ġenerużi tagħhom bi skop hekk nobbli u qaddis. Prosit u *well done*... nittamaw li jkollna oħra li tkun aħjar! ■



***Mument tat-telefonati fejn in-nies ma naqsux li jċemplu sabiex jagħtu l-offerti tagħhom.***



# *Talba lill-* IMMAKULATA

Din is-sena, O Marija,
Xtaqt ninqeda b'dawn il-vrus
Kif Diċembru jinsab magħna
U warajna l-ksieħ isus!

U nagħmillek talba żgħira
Għan-nom tal-kommunità
Li madwarek hawn tinġabar
U tħobbok bis-serjetà.

Li ma kienx hekk, dan il-maqdes
Żgur li hawnhekk ma telax,
Imma għax niesna lilek ħabbet
X'se tagħmillu, ma baqax!

Inti mbagħad lilu żżejjen
U tibdlu f'Ġenna tal-Art;
Timlieh fwieħa, tagħmlu jixbah
Ġnien mimli b'kull tip ta' ward.

U fil-jiem tal-festa tiegħek
Ifur bl-aqwa melodija
Li Tal-Vers mar jikkomponi
Tul is-snin hienja w bikrija.

Biex ikomplu jkabbru l-festa
Għandna wkoll grupp tal-Armar
Li sejjer is-sena kollha
Bla waqfien u tant stinkar.

Sabiex beltna huwa jlibbes
Bl-aqwa drapp, statwi u dwal;
Ma jonqsux tlielaq tal-bhejjem
Għaż-żwiemel, bgħula w xi ħmar!

'Tal-Istilla' jiġu jdoqqu
Fost il-ferħ u l-isparar,
Dejjem jekk is-Sema jiftaħ –
Ma jkollniex xi temp mill-agħar.

Halli issa għat-talba niġi
Li dis-sena xtaqt nagħmillek:
La issoddx widnejk għal talbi
Għażiża Omm, ara jfettillek!

Nibda billi hawn quddiemek
Nitolbok għall-Patrijiet
Illi ssibhom biex jaqduna
F'tal-jiem kollha l-ħinijiet.

Bierek ukoll lil tant helpers
Illi jagħtu daqqa t'id
Bla ma xejn jistennew lura
B'rieda soda tal-ħadid.

Ħares lill-benefatturi
Li ġidhom mhux tagħhom biss,
Imma dejjem lesti jgħinu
Meta jkun lilhom imiss!

O Marija Immakulata
La tinsiex il-morda tagħna;
Lilhom bierek, farraġ, fejjaq,
U mill-mard lilna skansana.

Għad-dell ta' mantarek kennen
Żgħażagħ, tfal, adulti, xjuħ,
Agħti 'l kull kategorija
Ir-riħ l' għandhom bżonn fil-qlugħ

Biex ikomplu 'l quddiem miexja
Fit-triq ta' Ibnek Gesù
Illi bata w miet għalina –
Allaħares ma kienx Hu!

Meta fuq l-ispallejn toħroġ
Biex iddur mat-toroq tagħna,
Ħarstek itfa' fuqna kollha
U tiqafx, le, tindukrana.

'Tina l-grazzja illi ntemmu
Fuq saqajna din is-sena;
Jalla nibdew oħra ġdida
Mimlija b'kull risq u hena!

Evviva l-Immakulata –
Qatt kien hawn fid-dinja bħalha!



# IR-RIGAL JEW RIGALI



MHUX L-EWWEL DARBA LI KONNA MISTIEDNA GĦAL XI FESTA TA' MAGĦMUDIJA LI XI KOPPJA MIŻŻEWĠA, KOLLHA FERĦANA KIENET QED TIĊĊELEBRA. U AĦNA LQAJNA L-ISTEDINA U MORNA. KIF WASALNA TAJNA ĦARSA LEJN IT-TARBIJA, GĦIDNA KEMM HI GUSTUŻA U FORSI ANKE PPRUVAJNA NXEBBHUHA MA' OMMHA JEW MA' MISSIERHA, KIF INĦOBBU NAGĦMLU AĦNA L-MALTIN.

Wara dan, morna inpoġġu r-rigal tagħna fuq mejda kbira ppreparata għal tal-apposta. U forsi wkoll aktar qgħadna nħarsu u nammiraw ir-rigali milli qgħadna nħarsu lejn it-tarbija... u forsi wkoll nissindikaw x'tat dik u x'ta l-ieħor. Il-festa baqgħet għaddejja bl-ikel u x-xorb kulħadd mehdi jitkellem wieħed mal-ieħor u t-tarbija hemm, imwarrba f'xi kamra fis-skiet ħalli torqod. Il-festa tagħha imma ħadd ma jagħti kas tagħha.

Tgħid hekk qed jiġri...jew hekk ser jiġrilna matul il-festi sbieħ tal-Milied? Festi li ngħadduhom f'kull tip ta' divertiment, *cards* u siġar tal-Milied, ikel u xorb, stediniet u rigali.

Festi fejn nikkonċentraw aktar fuq ir-rigali li nħossuna obbligati nagħtu lil xulxin MILLI FUQ IL-VERU RIGAL LI ALLA L-MISSIER TANA FI KRISTU ĠESÙ? Tgħid b'dan il-mod qed nirrendu l-Milied – festa bħal kull festa oħra li niċċelebraw matul is-sena... jew xi ħaġa agħar, festa pagana, kummerċjali, divertiment.



## X'IRRIDU NAGĦMLU BIEX IL-MILIED IKUN TASSEW ĊELEBRAZZJONI NISRANIJA?

- Ipprepara lilek innifsek spiritwalment. QRARA TAJBA hija wieħed mill-aħjar mezzi ta' preparazzjoni.
- Dak kollu li tagħmel f'dan iż-żmien: tibgħat l-awguri, iżżejjen id-dar, tipprepara ikla speċjali, tqassam xi rigali, stedin, AGĦMLU BL-IMĦABBA u mhux bil-fanfarunati.
- Agħmel kull sforz biex IL-QUDDIESA TA' NOFS IL-LEJL issib post fil-programm tiegħek u tal-familja tiegħek jew tal-ħbieb li magħhom ser tgħaddi dan il-Milied. Jekk le ħu ħsieb li ssib ħin ieħor għall-quddies u t-tqarbin.
- Fittex li tkun tassew FESTA TAL-FAMILJA, mal-familja u fil-familja.
- Jekk f'qalbek għad hemm xi nitfa ta' mibegħda lejn xi ħadd, qaċċat kollox u AĦFER.
- Aħseb fuq IL-KOBOR TAL-MISTERU, meta Alla sar Bniedem għalik... għax iħobbok... biex isalvak.

**F'ISEM L-AĦWA KOLLHA KAPUĊĊINI U F'ISEM IL-BORD TAD-"DAWL FRANĠISKAN" NIXTIQULEK MILIED TASSEW NISRANI U SENA MIMLIJA PAĊI U ĠID!**



## TIFSIR TAL-PARABBOLI

# IŻ-ŻERRIEGĦA TAL-MUSTARDA



### SAN MARK 4, 30-32

"U qal: 'Ma' xiex sejrin inqabbluha s-Saltna ta' Alla, jew b'liema parabbola nfissruha? Qisha żerriegħa tal-mustarda; din, meta tinżera' fil-ħamrija, hi l-iċken fost iż-żrieragħ kollha tal-art; imma wara li tinżera' tikber u ssir l-akbar waħda fost il-ħxejjex kollha, u toħroġ friegħi wesgħin, hekk li l-għasafar tal-ajru jkunu jistgħu jistkennu għad-dell tagħha"



### SAN MATTEW 13, 31-32

"Ġibilhom parabbola oħra u qalilhom: 'Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil żerriegħa tal-mustarda li wieħed raġel ikun qabad u żeragħha fil-għalqa tiegħu. Hija tabilħaqq l-iżgħar waħda fost iż-żrieragħ kollha, iżda, meta tikber, tkun l-akbar waħda fost il-ħxejjex u ssir siġra, hekk li l-għasafar tal-ajru jiġu jbejtu fil-friegħi tagħha."



### SAN LUQA 13, 18-19

"Mela qal: 'Lil xiex tixbah is-Saltna ta' Alla, u ma' xiex se nxebbhuha? Tixbah lil żerriegħa tal-mustarda li wieħed raġel qabad u żerragħha fil-ġnien tiegħu, u mbagħad kibret u saret siġra, u l-għasafar tal-ajru marru jbejtu fil-friegħi tagħha."



FRA BASKAL, IT-TERZJARJI U DUN KARM CACHIA — Aww/Sett 31
*(Lina Brockdorff OFS)*
FIL-MISRAĦ TA' EIN KAREM — Diċembru 20

## OKKULT
*(Patri Franco Fenech OFMCap)*
INTERVISTA: P. MARĊELLO GĦIRLANDO OFM (I) — Marzu 20
INTERVISTA: P. MARĊELLO GĦIRLANDO OFM (II) — April 19
INTERVISTA: P. MARĊELLO GĦIRLANDO OFM (III) — Ġunju/Lulju 24

## PASTORALI FAMILJA
*(Dun Pawl Camilleri)*
IL-FAMILJA SKONT L-EVANĠELJU (I) — Ottubru 7
IL-FAMILJA SKONT L-EVANĠELJU (II) — Novembru 11
*(Nikol Baldacchino)*
IŻ-ŻWIEĠ U L-FAMILJA FIL-PJAN TA' ALLA — Ottubru 20
IŻ-ŻWIEĠ IFISSER TĦALLI U TINGĦAQAD — Diċembru 6

## PASTORAL TAS-SAĦĦA
*(Patri Mario Attard OFMCap)*
TEOLOĠIJA TAL-ĠISEM (XVII) — Jannar 26
"Kont marid u ġejtu tikkurawni" (Mt 25,36)
X'BALLA NEĦĦEJTLI — Ottubru 22
FATHER! CPR! — Diċembru 8
*(Patri Joe Mallia)*
IL-PRESIDENT TA' MALTA JŻUR L-ISPTAR BOFFA — Marzu 12
L-ISQOF MONS. CHARLES J. SCICLUNA FI ŻJARA FL-ISPTAR BOFFA — Aww/Sett 8

## POEŻIJA
*(Lawrenz Attard)*
MAMMINA — Jannar 7
KURĊIFISS — Marzu 22
*(P. Wistin Attard OFMCap)*
HEKK SABIĦ — Frar 9
INTI JMISS — Marzu 9
GĦASFUR ĠO GABJETTA FUQ MANSAB — April 22
MA, LA NIKBER — Mejju 11
PAPÀ, INĦOBBOK ĦAFNA — Ġunju/Lulju 19
*(Patrick Sammut)*
FORSI XI DARBA — April 11
*(Kav. Joe M. Attard)*
ĠMIEL IN-NATURA — April 26
IL-MADONNA FIL-POEŻIJA MALTIJA — Mejju 20
ESPERJENZA RELIĠJUŻA FIL-POEŻIJA MALTIJA (1) — Ġunju/Lulju 22
IL-FESTA TAL-IMNARJA — Ġunju/Lulju 25
FL-GĦID TAL-ASSUNTA — Aww/Sett 23
TALBA LILL-IMMAKULATA — Diċembru 28
*(Constantino Caruana)*
INT QADDIS KBIR — Ottubru 11

## QADDISIN
*(Tony C. Cutajar)*
QADDISIN TA' ŻMIENNA (13) — Marzu 26
QADDISIN TA' ŻMIENNA (14) — Ġunju/Lulju 23
GĦALIEX HEMM TLIET ORDNIJIET FRANĠISKANI? — Ottubru 26
*(Fr. Joe Butiġieġ OFMCap)*
SAN PIJU MINN PIETRALCINA U L-PAPIET — Aww/Sett 24
SAN PIJU TA' PIETRALCINA U L-ERWIEĦ TAL-PURGATORJU — Novembru 18
IL-MILIED U SAN PIJU TA' PIETRALCINA — Diċembru 10
*(P. Mauro Jöhri Min. Ġen. OFMCap)*
BEATI ĠODDA GĦALL-ORDNI FRANĠISKAN KAPUĊĊIN — Novembru 12

## REĊENSJONI
*(Mons. Salv Grima)*
IS-SAGRAMENTI TAL-FIDI ta' Mons. Lawrenza Sciberras — Frar 8
*(Kav. M. Attard)*
'MAL-WATAR TAL-KITARRA' — Novembru 31

## VOKAZZJONI
*(Br. Miguel Zammit OFMCap)*
"AQDU LILL-MULEJ BIL-FERĦ" — Frar 16
*(James Borg Cumbo u Luke Pace)*
ESPERJENZA AVVENTURUŻA — Frara 17
*(Br. Mark Scicluna, Postulant Kapuċċin)*
THOSSOK F'SALIB IT-TOROQ? — Ġunju/Lulju 26

## VOLONTARJAT
*(Victor Diacono)*
FONDAZZJONI: SURIET IL-BNIEDEM — Jannar 27
*(Br. Jethro Bajjada OFMCap.)*
FTIT QTAR TA' ILMA NADIF — Diċembru 14




## GĦIN LILL-KNISJA U LILL-ORDNI FRANĠISKAN KAPUĊĊIN FIL-KENJA BILLI TAGĦMEL...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista'tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista'tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:*

**FR. PHILIP CUTAJAR OFM. Cap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**
**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**
**Email: cutajarphilip777@gmail.com**